# IL BIDUI

PERIODICU AGRICOLU-INDUSTRIALI

*MINGHAIR PARTIT — Mimli b'kari onest ghall'idejn culħatt.*

MAHRUG MIN

**The Chilean Nitrate Committee, 53, Strada San Vincenzo Sliema, Malta.**

**Editur u Direttur Onorariu C. ZAMMIT MARMARÀ F.R.H.S.**

No. 2. Circulazioni 7,000 Copia.


PUBLIC LIBRARY MALTA

## Chelmtejn mill'Editur.

—

Tħadditna bosta drabi fuk risultati sbieħ li itzieħdu fil gzejjer taghna mill'uzu tan-Nitrat tas-Soda, u ippublicaina anchi ittri min bdieua fuk risultati li ħadu huma stess. Il-lum-il giurnata illi il kbiela gholeu tant cull bidui m'ghandux jghamel ħag'oħra ħlief li jipprova jeħu prodott mill'aħjar u bil cotra mir-raba tiegheu, u dan jista jghamlu jecc jakra U JGHAMEL dac li dejjem infissrulu f'dan il periodicu.

Nieħdu ghal mument il prodott tal patata: barra mill'ittri li ippublicaina min bdieua stess, ghanna kuddiem ghainejna ir-risultat li ħà id-Direttur tal ghalka sperimentali tas-Società Economico Agraria, meta fuk sieħ u nofs raba fejn uza in-Nitrat tas-Soda ħa zieda ta *228 Ratal patata*! Is-sieħ u nofs fejn chien minghair Nitrat tgha 313 ir-ratal, u fejn chien bin-Nitrat ta 541 ratal! Dan ifisser illi chiecu il bdieua taghna is-sena li ghaddiet uzau collha in-Nitrat tas-Soda ghal patata tar-rebbigha u tax-xitua u iccuraugha chif imiss, chienu jeħdu zieda ta *14,880,496* ratal patata f'Malta collha! *(Erbatax-il-miliun, tmienmija-u-tmenin-elf, gherbamija-u-sitta-u-des-ghain ratal)*. X'ħasra! X'telf min buiet il bdieua!! 228 Ratal patata telf min fuk cull sieħ u nofs raba li inzerghet!!

Rapporti oħra, u rapporti ta min jghokod fukhom, ureuna illi bl'uzu tan-Nitrat tas-Soda fuk il prodott tal kamħ tgha ZIEDA TA 21 TOMNA KAMH FUK CULL TOMNA RABA. Dan barra iz-zieda fit-tiben!

Jena nispera illi il bdieua jiftħu ghaineihom darba ghal dejjem, chem ghall'uzu tan-Nitrat tas-Soda chif ucoll biex jilkau il mard tal prodotti li dejjem infissru f'dan il periodicu.

* * *

Uara l'aħħar ħargia tal Bidui, bghatt ittri lil ħbieb taghna u stakseit x'jaħsbu fl'idea taħħom li nistghou inzidu fil bidui biex nghamluħ ectar interessanti. Bosta mil ħbieb taghna chitbulna u kalulna li huma ma jistghou jissuggerixxu xein izied ghax IL BIDUI chif inhu issa *ma jonksu xein.*

Oħrajn chitbulna u kalulna biex floc 32 pagina u copertina ta 4 pagini oħra, noħoagiuħ bi 62 pagina! Oħrain kalulna biex noħorgiuħ cull xahar! Daun iz-zeuġ suggestionijet huma sbieħ ħafna u huma ucoll tnejn mix-xeukat li ghanna aħna, izda li disgrazziatament ma hemm ebda speranza li jimmaterializzau. Barra milli IL BIDUI *jitkassam b'xein*, il ħbieb taghna ghandhom jatu dakka ta ghain lein ic-circolazioni (7,000), u hu bizzejjed meta ngheidu li, xahar jeħu zmien li stampatur biex ilestieħ, u aħna niccoregiuħ; 21 giurnata biex nindirizzauħ u nimpustauħ, u mill'inkas 15 il giurnata oħra biex ujeħed jirrispondi id-diversi corrispondenzi li jaslulna uara cull ħargia tieghu! Il Bidui irid jinchiteb, jiccoregi ruħu, ecc., min *bniedem uieħed*; u b'dan il ħbieb taghna jistghou jarau chemm verament ma nistghoux niccurtentauhom. Il ħsieb ta l'Editur chien dejjem dac: *li igib il kuddiem l'Agricultura tal gzejjer taghna; li jintroduci min barra prodotti aħiar milli ghanna (fein jista icun), u li jinteressa fl'Agricultura u Orticultura lil dauc in-nies li katt ma ħasbu chemm hi interessanti, meħtiegia u onesta.* Riguard it-tiubija tal prodotti sa certu pont irnexxielna, bħal ma narau fid-differenza tal prodott ta tadam li nieħdu illum, ma dac li conna nieħdu ftit zmien hilu. F'sentejn zmien, l'Editur kassam f'Malta u Ghaudex *23,000 pacchett* ta zerrigha tat-tadam migiuba mill'aħjar diar ta barra!

Izda il ħsieb taghna ma jekafx hemm! Aħna nixtieku li il karrejja taghna jgharrfuna dejjem b'xi ideat li icollhom li bihom nistghou naghamlu IL BIDUI ectar interessanti.

Bla dubiu, fost il karrejja taghna u'l ħbieb taħħom jinsabu ħafna li jafu ipinġu. Aħna nitolbu lil daun jassistuna. Nixtieku xi disinn pulit ghall'euuel pagina tal copertina tal BIDUI biex nghamlu blocca fuku, xi ħagia addattata li figha jigi ucoll inclus l'isem IL BIDUI. Aħna natu premiu sabieħ ghal dac id-disinn li naghzlu (*li jibka proprietà taghna*).

## IL KAMĦ

### Storia

Mita uieħed jeħu f'idejħ il quantità ta cctba b'lingui diversi li jitħadtu fuk il kamħ, insibu li aħna ucoll nakblu ma l'idea ta *De Candolle*, illi l'euuel pianta tal kamħ inħolkot fil Mesopotamia, u min hemm il cultivazioni griet min banda ghan-naħħa tal Canaries u mill'oħra ghac-Cina. Il Kamħ fl'America chien ghadu m'hux m'gharuf sassecolu sittax. "Humbolt" fil chitba tieghu jgheid illi il kamħ daħal b'cumbinazioni fil Messicu ma xi ross li gieb min Spanja uieħed irsir ta *Cortes*; u li stess chittieb jghid li ra fi Quito bhal vasun tal fuħħar illi fieħ patri Belgian hà min Ghent (Belgiu) l'euuel kmuħ fl'America t'isfel.

TAKSIM.

Il kamħ hu mgharuf f'zeuġ classi. L'euuel classi hi imkassma f'erba gruppi li huma: 1) Kamħ Artab, 2) Kamħ Imgherbeb, 3) Kamħ Samm, 4) Kamħ Tuil jeu Kamħ ta Polonia jeu Astrakan.

*Il Kamħ artab* jiccumprendi il qualitajjet ta kamħ, li huma l'izied stmati ghal ħobs, biscuttelli, ecc., Daun il kmuħ fihom sustanza cbira ta lamtu u tkiek abjad, izda neksin mis-smid jeu glutine.

*Il Kamħ Imgherbeb* li jiccomprendi id-diversi ġnus ta kamħ imgherbeb, hu bejn il kamħ artab u il kamħ samm. Daun il kmuħ fighom bosta lamtu u smid jeu glutine u taibin ghal ħobs. Il ħobs li isir mit-tkiek taħhom m'hux tant abjad, izda billi fieħ izied

glutine, hu izied sustanzius min dac il ħobs li jintgħamel mit-tkiek artab.

*Il Kamħ Samm* jiccomprendi il qualitajiet tal kamħ samm collha barra mil kamħ imsejjaħ tal Polonia. Ma dan il grupp jinsabu il kmuħ ta Malta, chif ucoll il kmuħ l'oħra li huma cultivati fill costi tal Mediterran (Spania, Franza Meridionali, Italia, Grecia, Skallija, Asia Minuri u l'Africa) chif ucoll f'pajjisi oħra sottotropicali u tropicali.

Daun il kmuħ huma neksin mll-lamtu jeu tkiek, izda ghandhom ħafna glutine u smid. Huma kmuħ speciali għall ghagin. Il ħobs li jitlieħed minnhom hu ftit jeu uisk scur, tkil, u jibbies malair, izda nutritiv ħafna ghax fieħ bosta glutine, sustanza azotata meħtiegia uisk.

Il Kamh tuil jeu kamħ tal Polonia jeu Astrakan. Da 'l kamħ ghalchemm imsejjaħ tal Polonia, hu gej mill'Africa settentrionali mnein ghadda għall'Europa u għall'America. Jigi il kuddiem f'daun il gzejjer, izda ibati min-nixfa. Iż-zbula hi ta culur isfar sabieħ, tuila ħafna u uiesgħa, b'sifia kasira. Da 'l kamħ niekes mit-tkiek, izda fieħ glutine u smid ta prima qualità. Dan hu l'aħjar kamħ għall'ghagin, u ghalecc l'Americani jgheidulu "macaroni-wheat". Il cultivazioni tiegħeu chibret uisk fl'America f'daun l'aħħar 25 sena.

It-tieni classi ta kmuħ ticcomprendi tliet tipi li huma ftit mgharufa f'artna. Fost daun imsemmi il kamħ "Spelta", bi zbula minghair sifia. Dan hù uisk bicri u jgħamel ġmielu, izda ta qualità inferiuri. Hu l'izied cultivat f'pajjisi uisk settentrionali fejn il qualitajjet l'oħra ta ħamħ artab—anchi l'izied bicrija—ma isirux seu mfħabba il maltempijet cbar. Ma dan collhu, il kamħ "Spelta", jinsab ucoll iccultivat dakxejn fl'Italia, Franza, u fl'Europa centrali.

### Cultivazioni

Il qualitajjet ta kamħ artab chemm ucoll tal kamħ imgherbeb, ħargiu minnhom bosta qualitajjet u razez bi'z-zbula safra jeu seudinija boccia bis-sifia u ohrajn minghajr sifia. Il cultivazioni ta kamħ artab fil gzejjer taghna ma tistax tghati l'istess risultati tajba li jatu il kamħ samm. Difatti izied imfħabba il clima, milli imfħabba it-trab, jecc jinzergha kamħ artab jeu imgherbeb tant tat-tip xitui li jinzerghou fil ħarifa u fix-xitua, chemm tat-tip tar-rebbigha (kmuħ ta Marzu) li f'pajjishom iz-zrieħ isir fil bidu tar-rebbigha jatu risultat m'hux hazin l'euuel sena, izda uara jitbiddlu malajr u mat-tielet sena isiru bħal kmuħ samm, izommu iva il caratteri taz-zbula u tal uerak minghair izda ma jeħdu ir-resistenza mgharufa ghan-nixfa tal kamħ samm taghna. Izda dauc il bdieua li iridu icollhom prodott ta kamħ ghal ħobs aħna nirriccmandau li jizirghu taħlita ta kamħ samm ta Malta u kamħ artab jeu imgherbeb tat-tip tar-rebbigha jeu bicri, bħal m'hu il kamħ *Saumur* jeu kamħ ta Marzu il kamħ Noe, jeu il kamħ imgherbeb ta l'America ghaliex b'hecc uieħed jeħu taħlita ta kamħ itjeb ghal ħobs. Iz-zrieħ tat-taħlita isir f'Dicembru u bieħ tanticipa iz-zrieħ tal kamħ artab tar-rebbigha b'vantaġġ ghal dan il kamħ. Cull tlieta jeu gherba snin jinħtieg ig-gedded it-taħlita billi iggib zerrigha frisca min barra min Malta, biex jinzamm tajjeb it-tip ta kamħ artab jeu imgherbeb li uieħed jixtiek icollu fit-taħlita.

Il kmuħ l'izied cultivati f'daun il gzejjer huma: il kamħ isfar ta Malta li hu preferit għat-trab grass u'l kamħ hamrani ta Malta li jigi iccultivat bi preferenza fil ħamri u jiflaħ ħafna ghan-nixfa.

☞ Min xi snin l'haun keghda timxi il cultivazioni tal kamħ ta Susa jeu ta Medlah li hu uieħed mill'isbaħ kamħ samm. Dan hu dakxejn imuaħħar, ghalecc jinzerta dakxejn kabel il kamħ taghna u forsi ma jiflaħx ghan-nixfa bħal kamħ taghna. Hu l'actar riccmandat għat-trab ħamrani fond u frisc.

Il kmuħ ta Malta jinzerghou bit-tixrid f'Dicembru, izda x'mindakkiet iz-zrieħ isir anchi actar tard, f'Jannar u anchi fi Frar specialment il kamħ ħamrani u'l kamħ ta zbula seuda. Izda jinħtieg niftacru li f'rebbigha xotta bosta iz-zrieħ imuaħħar hu dejjem fil pericolu.

Il kamħ taghna mela jappartienu l'ittipi tal kmuħ ta Marzu u tar-Rebbigha u huma vicini, jecc m'hux jakblu mal kmuħ *triminia* ta Skallia, ghalecc mtħabba il clima

taghna xotta ma jistghoux jinzerghou u jirnexxu uara nofs Frar. Jecc uieħed jipprova iizraħħom f Novembru u izied ghar f'Ottubru bħal kamħ xitui, jeħu prodott kaum ta tiben izda prodott dakstant jeħor zgheir ta kamħ Bir-ragiun collhu il bidui taghna jgheid li l'aħjar zmien ghaz-zrieħ tal kamħ hu f'nofs jeu ghal ħabta tal 20 ta Dicembru. Giet ippruvata f'Malta il cultivazioni tal kamħ bla sifia li hu kamħ artab izda ma tantc irnexxiet tant ghar-ragiuni li il kamħ artab jitbiddel malajr f'kamħ samm specialment f'rebbigha xotta, chemm ucoll ghax isofri mir-ruiefen kauuija li icollna f'Mejju u f'Giuniu. Gie cultivat l'hemm u l'haun il kamħ tal Polonia u anchi il kamħ Ricti, izda daun il kmuħ ma jifilħux biz-zejjed ghannixfa; u it-tieni sena inkas mil l'euuel. Jigiu prunati cultant qualitajjet oħra ta kmuħ, izda quasi dejjem isir minghair ma uieħed jiccunsidra il qualità tal cl ma u tat-trab tal pajjis fejn originau daun il kmuħ.



B'in-Nitrat tas-Soda.

Il kamħ jitlob trab mghazuk fil fond li ma icunx imdemmel frisc, izda fli stess hin li ma icunx uisk imchidd min prodotti li it-tieħdu kablu. Generalment jigi iz-cultivat uara ir-raba sena tal klib, uara li il quantita ta azotu fit-trab tcun zdiedet bil cultivazioni ta xi pianti leguminusi, bħal m'hu il ful, silla, u giulbiena. X'mindakkiet jigi cultivat uara it-tieied sena, prodott tal chemmun jeu anasi jeu basal u jista jittieħed uara prodott tas-silla u jeħor tal kamħ. Taħrat l'art ieu aħjar taħrat l'art salib f Novembru u taħrat f'Dicembru, jinzara il kamħ u tigi muittija l'art ghal nofs Jannar ghati fil uicc fuk cull sieħ raba nofs uizna Nitrat tas-Soda, (biex ix-xerdu seŭ tista tħallat seu mieghu ftit trab xott', Fi Frar tigi imnadfa l art mil ħaxix ħazin, u tinghazak li scorcia jebsa min ma duar ix-xitel tal kamħ biex ir-raba jixrob izied ix-xita u in-nida, u argia xerred nofs uizna oħra Nitrat tas-Soda fuk cull sieħ raba bħal l'euuel. In-nitrat ghandu jixxerred f'uicc it-trab min ghair ma tghazku jeu tnizzlu fil fond. Din it-tnikkija tista issir ucoll f'Marzu izda it-tieni tixrid tan-nitrat ma ghandecx tiddauuar ma tghamlu ghal biza li ma tghamilx xita.

It-trab taghna hu niekes uisk mir-ramel u jidher ma tantc hu tajjeb ghal cultivazioni tal kamħ ghaliex ir-ramel hu uieħed mil bzonnijet tal pianta tal kamħ, izda is-soltu fixxhur ta Marzu u ta April, ir-rieħ li jonfħu min-naħħa ta Tripoli (Libia) igibulna maħħom quantità ta ramel taħt forma ta trab fin fin isfar ħamrani li iservi biz-zejjed biex jirrangia it-trab taghna.

Il kamħ jibka tajjeb ghaz-zrieħ ghal bosta snin, izda jecc icun merfuħ fil fosos taħt l'art, aħjar ma jigix uzat ghaz-zrieħ uara it-tieni sena

IZ-ZRIEĦ TAL KAMĦ B'LI STRUMENT

Iz-zrieħ tal kamħ fil hatt ghandu vantaggi u il bdieua collha, li jaħsbu tajjeb fuk dac li jaghmlu, jistkarruhom. Dan iz-zrieħ isir bl strument li jizra uaħdu, ixerred il kamħ

chif imissu u b.l kies collhu; jordom il kamħ collhu xorta uaħda u hecc il kamħ iz-zargha jigi imkabbad collhu xorta fir-raba kasir. Dan li strument ixerred ucoll il bzar, imma uisk inkas milli chiecu jixxerred bl'idejn, u ifendi izied ghax izied isib ruħu ma li stess zerrigha. B'dan il mod taz zrieħ tonkos il ħsara li jghamlu is-sakain fin-naka; jati ectar kauui li jicber iz-zargha, u dan fuk collox hu ictar tajjeb li jati tagham uisk izied miz-zrieħ l'jeħor li isir bil cheff; b'mod li ir-raba ghajjen icun jati daks ir-raba tajjeb.

### In-Nitrat tas-Soda ghal kamħ

In-Nitrat tas-Soda ghal bosta ragiunijet sabuħ uisk meħtieġ fil cultivazioni tal kamħ u fl'Italia quasi m'hemmx bidui li ma juzaħx ghal kamħ. In-Nitrat jati l'azotu tant meħtieġ u f'forma li il prodott jista jeħu malair. Bħal ma gie ghedt fil *"chelmtein mill'Editur"* it-tieħdu *21 tomna izied* kamħ fuk cull tomna raba fejn intuza in-Nitrat tas-Soda.

## It-Tabacc.

—

Tabacc hua l'isem mghoti lil werak ta bosta speci ta *Nicotiana* (*Ord Solanaceae*), ippreparati f'ħafna ghamliet, ghat-tipjip, ghal imnieher u aftarijet ohra. Izda l'actar li jinhadem ghat-tipjip.

### *Li storia tiegħeu.*

M'hemmx fiex uiehed jiddubita illi it-tabacc fl'imchien ma l'uzu li jista jintghamel minhu, gie maruf l'id-dinja mill'America. F'Novembru ta'l 1492 mita ghakda ta nies giet mibghouta biex jarau x'hemm fil gzira ta Cuba min Cristoforo Colombo min fuk il bastiment li bieħ sab l'America, dauna regiau l'ura u kalu li rau nies b'bhal hatba mixghoula f'idejhom biex ichebbsu in-nar, u li juzau bhala fuieha uerak ta xi ħxejjex.

Id-drauua li tiehu it-tabacc ta li mnieher chienet osservata u imfissra min Ramon Pane, Franciscan li chien mar ma Colombu fit-tieni viaġġ tiegheu (1494-1496.), u id-drauua tal *maghda* dehret l'euuel darba mill'Ispanioli fil costa tal l'America t'isfel fl'1502.

Mita il continent ta l'America gie micxuf collhu, instab illi l'uzu tat-tabacc, specialment ghat-tipjip chien usat min culhatt u minn zmien immemorabbili, f'hafna casi is-slavaġ ta hemm chienu jghamlu cerimonji solenni b'dan it-tipjip.

L'isem *tabacc* ma jidirx li chien l'isem originali li bieħ chienet tissejjah il pianta, u l'isem it-tiehed min certu strument li chienu juzau l'abitanti ta Hispaniola (San Domingo), biex ipeipu. Li strument imfisser min Oviedo (*Historia de las Indias Occidentales*, Salamanca, 1535), chien mghamul min tubu zgheir ta l'injam f'innofs imtakkab u f'ghamla ta Y, iz-zeug ponot chien ikghedom ma imniehru min ipejjep u il ponta l'ohra tinzam fuk id-duħhan li chien jitla mit-tabacc imchebbes, u hecc chienu ipeipu.

Dan li strument in-nies t'hemm chienu iseihulu "Tabaco"; jinhtieg uiehed jgheid izda, illi il pipa ta dauc in-nies l'ohra tal continent chienet differenti u uisk ahjar min dan li strument. Mil banda l'ohra, Benzoni, li il cotba tieghu *"Travels in America"* (1542-1556.), geu ippubblicati fl'1565, jgheid illi l'isem Messican ghal din il haxixa chien "tabacco".

Il pianta tat-tabacc giet imdaħhla l'euuel darba fl'Europa fl'1558 min Francesco Fernandes, tabib, li chien mibghout min Filippo II ta Spania biex jistudia il prodotti tal Messicu. L'Ambaxxatur Francis tal Portugal, Jean Nicot, bghat zerrigha tat-tabacc l'ir-Regina, Catherine de' Medici. Is-servizz li ghamel Nicot billi xerred tghalim fuk din il pianta, gie mgharuf billi taŭ l'isem ta *Nicotiana* lil pianta tat-tabacc. Ghall'euuel chienu jahsbu li it-tabacc jghamel curi miraculusi, u bosta chienu jghaidula "herba panacea," "herba santa", "sana sancta Indorum," ecc., ecc. Il pianta immela giet imdaħhla gio l'Europa mill'ispanioli u m'hux bhal ma jgheidu, mill'Inglisi, izda id-drauua tat-tipjip giet mibdija fl'Europa mill'Inglisi, Ralph Lane l'euuel gvernatur ta Virginia, u Sir Francis Drake giebu mahhom min hemm fl'1586. l'aftarijet necessarji ghat-tipjip u daun tauhom lil Sir Walter Raleigh. F'is-secolu 17 id drauua tat-tipjip griet mannazionijet collha.

### CULTIVAZIONI.

" It-tabacc isir fir-raba taghna. "

Din il haxixa trid raba moħui ħamri, u t'airu sħun It-tabacc li ghandu uerkatu tual li isir fil Golf tal Messicu, li igħeidulu ta Virginia, hu aħjar uisk min dac l iehor ta uerak imdauuar li jimbet fl'America ta geuua. It-tabacc ghandu jinzera fuk id-demel u taħt ħait xemxi fi Frar; meta ix-xirel icollu gherba uerkiet ghandu jitgharras f'raba imdemmel tajjeb, f'lannijet imbghedin 4 tixbar uieħed mill'ieħor: jissakka sa chemm jakbad, imbghad jitnakkax u jitħalla. Meta ix-xitla taghmel tnax il uerka, ghanda titkaċċat, u imbghad jitneħħeu ir-rimjet collha li tkabbes min uara. Dana collhu hemm bzonn li isir biex il uerak isir tajjeb, u chif imissu.

Mita il uerak tat-tabacc jibda jisfar ghandu jingiabar: tibda min dauc ta taħt, imbghad tan-nofs, u l'aħħar tal kucciata, ghaliex il uerak tat-tabacc isir ftit ftit. Uara li jinkata il uerak ghandu jitkighed ghal tlieta jeu gherba tijem fuk it-tiben, uerka fuk l'oħra sa jgholeu xibrejn u quart, jeu xibrejn u nofs, u *dan biex jitbiclu, u ma jinchisrux mita tmisshom.* Uara dan, il uerak ghandu jinxakk fuk il ghasluġ tieghu tan-nofs, ghal zeuġ terzi min tulu, tibda min taħt il gherk. Id-domnu f'ghesieleġ, u jitkghedu fejn ghandhom jinxfu; hemm jidhalleu sa chemm ma jibkghoux izjed hodor u ma joħroġ izied umdu mita taghfas bejn subghaic il uerak fejn hu l'actar oħxon. F'giurnata nidia uieħed ghandu ilembeb il uerak f'rombli ta ratal il uieħed, u ikeghdom uieħed fuk l'ieħor saff fuk saff, oghli ta tlieta jeu ħames tixbar; iħallihom hecc ghal xahar u nofs. La jghaddi da'z-zmien tergia tkankalhom, id-dauuar fuk ir-rombli ta taħi u tcabbar il gziez tieghu darb'oħra izied min ta l'euuel. Hallcħ issa isir it-tabacc biex jishon u jitjeb, *jecc jisħon uisk jeħzien.*

Uara xahar imbghad ghandhom jergiou jitkalbu darb'oħra il gziez. Il-loc li fieħ ghandu isir dax-xoghol collhu li semmejna ghandu icun fil gholi; f'loc uiesa, u li jaħdem fieħ ir-rieħ; it-tuieki ghandhom jinfetħu meta l'airu m'hux niedi.

Hu ir-riccmandat ħafna ghal cultivazioni tat-tabacc l'uzu tan-Nitrat. Id-dosa hi 7 libbri u nofs Nitrat tas-Soda f'cull sieħ raba uakt li il prodòtt icun jicber—uara li jixxettlu jakbad seuua; argia ghati li stess dosa 20 giurnata uara. In-Nitrat mghandux jigi mghazuk taħt, izda mghoti fil uiċċ



**TADAM**

Bin-Nitrat tas-Soda — Minghair Nitrat tas-Soda

(Ritratt meħud mis-Sur C. Zammit Marmarà.)



Prodot: ta Pastard u Gidra imdemm'a b'in-"Nitrat tas-Soda" fl'ghalka sperimentali
tal "Comitato Agricolo Industriale" GHAUDEX



Cabocci imdemmla b'in-"N:trat tas-Soda" fl'ghalka sperimentali
tal "Comitato Agricolo Iudurtriale" GHAUDEX
(Ritratti mehuda mis-Sur C. Zammit Marmarà.)

## Mill hazin ghat-tajjeb.

—

Sur Editur,

Din id-darba, bil fehma ta gid ghal karrejja, specialment ghal bdieua, sejjer nitchellem minn ftit punti ta ħsarat li minnghalija keghdin iservu ta deni floc gid lil Biedja, u ghal hecc b'din il chitba tieghi nifhem li naghmel gid lil Bidui billi dan jintebaħ bil ħsara u mill aħjar iseuuiha. Fli stess ħin il Gvern jista jeħu ħajta daul u fejn imiss lilu jirripara mill aħjar bħala missier, dejjem bil fehma ta gid ghal Biedja. Nibdeu:

Hamrija Mitlufa — F' Malta ghandna uciuħ ta ħamrija il ġmiel taghhom, u biex ghandna daun l'uciuħ ta art micsija, ladarba dil ħamrija keghda hemm, ifisser li xi hadd ħadem biex giebha u csieha. Min jaf chemm bateu missierijetna tal boghod biex giabruha mill ħniedak, minn taħt l'art, jeu (chif ighid uieħed sinjur gharef mill ħajjin) ħiex giarreuha minn Skallija! U b'dana collu aħna tal lum, li nippretenduha ta actar ghaklin minn dauc ta dari, inħalluha tintilef, tintradam taħt l'art! Naghli ta cull meta nara li cull fejn isir bini ġdid, il ħamrija ta dic l'art fejn jinbena, iħalluha tintradam bħala mili ta terrapien, jordmuha: jigi il cuntrariu ta l'imissu icun! Ghaliex ? — Narau.

Il poplu ke'd jicber, u floc l'imissna 'nzidu il ħamrija cioè ir-raba', ghax il ħluk ghall'ichel keghdin jizdiedu duar l'4000 fis-sena, jigi keghdin innaksu il gid ta uiċċ l'art (cioè il ħamrija) li jati (jeu tati) it-taghm ghall dauc il ħluk li żdiedu. Tana prova chemm tisua il ħamrija żmien il guerra, fejn sa gionna pubblici geu miżruha! Li chiecu cont Gvern jen, cont naghmel Ligi li lill cull min ijbni nobbligah biex il ħamrija tal post floc li jordomha, iifaħħa fit-triek u jiġbruha in-nies tieghi (tal Gvern) u spejjes tieghi biex tintefgha fir-raba' moghxa li hu tal Gvern, cioé tal poplu.

Trab tat-triek — Tghaddi minn ħdejn raba' ħamri (li minnhu tieħu l'isem *Hamrija*) ighaxxkec bil ġmiel tieghu: tghaddi mnejnu uara snin, issibu mżeuuak, leun mitfi; targia tghaddi tiftakdu uara żmien issibu bajdani (li jeħu l'isem *Bajjad*). Mn'hiex hua dan? Dan jiġri billi dauc il caxxi ta trab li jingiabar mill cnis tat-triek (l'icun taz-żonkor u mielaħ) mill ħaddiema tal Gvern jintafa' ghal gior-raba', u dan dakkiet isir bit-talba tal gabillott stess lill ħaddiem tal Gvern, u dakkiet dan tal aħħar jixħtu minn jeddu. Aħna jidhrilna li dic il ħamrija ghandha tibka safia, ghaliex fejn minghala il Bidui k'ed izid fit-trab icun k'ed iħażżen lit-trab. Prova: Iżra' fit-trab tat-triek uaħdu jaghmillec? Lè! Immela chif f'ghalkitec tridu dan it-trab il gid iroddloc?!

Hitan Uesghin — Hagia li tista tghid hia eccezioni ghad-dinja! Ir-raba' ta Malta hua fgat bil ħitan. Cull ftit xbar ħamrija, ħajt! jecc in-nannu ħallielna tomna raba', aħna l'erba' t'aħua ulied uliedu naksmuha bil ħitan b'sinjal tal biccia l'imissna cull uieħed! (1). B'hecc ma naghmlux ħlief l'innaksu ir-raba', nimleu uiċċ Malta collu gebel u inisslu iżjed il curżità fil frustier biex jigi iżur il gabubi tal ħamiem! Jecc int tmur lejn naħħiet Hal Safi, Hal Chircop, ecc., tara cull ħajt uiesa' kama li minn fuku jista jghaddi carrettun fil uisa'. Ghaliex dan? Min s'er jiċħdilna li sa hemm u sa haun m'hux taghna? Li chiecu misserijetna bdeu u ħasbuha tajjeb u cull gebel zejjed tefghuħ il baħar mill'euuel, chiecu il-lum aħna ghandna raba' doppiu floc riġmenti ta ħitan li m'humiex tajbin ħlief ghal tghammir il bebbuxa u'l gremxul! Ingombru ieħor fiħom daun il ħitan, cioè li ma l'euuel ħalba xita li taghmel issa uaka' haun u issa uaka' hemm, u l'imsejchen ta bidui erħilu hu u'l mara u it-tfal izaccru is-selħat l'isirulu ta cull xitua: tbatija u telf ta żmien floc rebħ.

Ilma salmastru — Minn ghalina nirraccomandau bis-sħiħ lil Bdieua biex fis-sakui jaħarbu chemm jistghu it-tiskija bl'ilma salmastru. L'agrumi u cull prodott imsokki b'dana l'ilma ma jatux toghma genuina floc li jatu toghma confortabbli jatuha inconfortabbli; il poplu ighergher, u forsi il Bidui ma jafx.

Is-Sienja — Iż-żmien cull ma imur jitbiddel u mieghu nitbiddlu aħna u li maghna It-tluħ tal ilma ghat-tiskija mis-sienja bil

———

(1) M hinix inghid ghal meta irrangiau il moghxa l'euuel darba, specialment fejn hu mzerzak, li htegilhom bil fors jaghmlu hitan spissi biex il ħamrija ma tingarx mill'ilma: ked inghid ghal huati, fein ftit zmien ilu chienu jaksmu bil hajt ghal cull xejn.

bhima, il-lum hua ħagia kadima, il-lum ghal cumdità ghandna dauc li speci ta mtieħen tar-rieħ (tal ħadid) li minn ghalina isimhom *Air-Motors*; spiza darba u ghandec ghomroc: tbatija xejn: bhima mistrieħa: ilma chemm trid u cull x'ħin trid: nukkas ta frattarija. Meta 'ncun ghaddej minn ħdejn xi sienja f'uakt id-daurien tal bhima u nara il din b'uicca mghotti biex ma tibzax u iddur, nistħajjel nara lill Quasimodo, il Campanaro tan-Notre-Dame de Paris! u dac it-tuerziek tal fusien niftacar fis-sienja koliubija tal Fellaħ Bidui ta fuk in-Nil, li filuakt l'ighajjat *xiiiil* u iuaħħal bla ħniena bil ħatar ghal fuk dhar il bhima il fus bla zejt tas-sienja tieghu jistordic biż *żżżiiuzaazooo* uaħda uara l'oħra, u il ħsejjes li jaghmel! Izda aħna m'ghandniex nimxu fuk fellaħ african imma fuk il ħeffa middbatija li joħlok l'Europeu. Bdieua Maltin nibdlu l'ghodda: nimxu maż-żmien!

Chif jen ked nicteb fuk hecc naħseb li naghmel tajjeb l'insemmi punti oħra, li ghadilli in-nukkas taħħom m'hu ħtija ta ħadd ħlief ghax in-natura giebet ecc, imma tajjeb li naghmel l'osservazioni fukhom biex incunu nafuhom u naħarbuhom chemm nistghu.

Raxx l'ilma bahar—Ir-raba li jaħbat bejn xtut il baħar, specialment li hu baxx u milħuk mix-xlocc ibati uisk mir-raxx tal baħar li jitla fil maltemp. Dan ir-raxx żejjed imellaħ l-art u din kaila taghmel prodott: jecc taghmel icun prodott m'aħniex. X'ghandna naghmlu ghar-riparazioni ta din il ħsara? Minn ghalina nghinu il prodott bid-demel artificiali: bin-Nitrat tas-Soda, bil cupru, etc. Il-lum cullħadd jaf li jecc fein xitla iddemmilha bid-demel tal bheijem ticber xiber u taghmel sitt frottijet, bid demel artificiali ticber xibrein, teħxien tliet darbiet iżied u taghmel frott zeuġ tużżani (2). Mela fil ħazin, bħal ma hu dan ir-raba mirxux bl'ilma baħar fein is-soltu ma jaghmel xein meta iddemmu bl'artificiali, ghandu jaghmel u jicber quasi izied minn dac tar raba tajjeb f'nofs Malta lmdemmel bil bhimi.

F'dan il pont nistghu nirbħu ħaġ'oħra. X'inhi? Hi, li meta nigiu biex nixtru irraba ta din il ghamla, nixtruħ jeu nitkabbluħ b'ghajnejna miftuħa.

Ghalka hallieba—Hemm raba li jeu ghax icun f'kieħ barriera inchella meta icun fil uicc icollu subghajn trab u li scorcia tal blat tieghu tcun tal kauui, izomm l'ilma cioè il blat ma jixrobx; jeu inchella dac li kieghed f'barriera l'ilma ma icollux fein imur, allura jibka mifkuħ u ghalhecc dan isejaħlu (biex ma nuzaux il propia chelma li forsi ma tixrakx inghidulu) *raba ħallieb* F'chelma uaħda dan icun raba mifkuħ. Ghal dan ir-raba il bidui ghandu iaghzel zrieraħ u sigiar addattati, li ma jibzghux mill'ilma, bħal ma huma il banana il cannamieli, il kara, il kasab, hecc. Fl'Egittu ma xtut ixxmara fein din tfauuar u dlonc bl'ilma, mill gholi ta xi Gemgha ma tarax ghal taħt ghajneic ħlief tapiti ta cannamieli, banani, kasab u dhura. B'dan il mod il bidui il dan ir-raba floc l'ighoddu b'raba fartghalla (ħazin) jitfghu fil classi ta li buar.

Il ħagia li minn ħazina naghmluha taiba hia ghakal li bieħ niddistinguu iruieħna minn popli oħra. Natu ħarsa lein dic li darba chienet xaghra Cordin. Il Gvern gharaf jipprofitta mill idein kieghda tal prigiunier u minn moghxa illum ggiebua rabha taijeb u ta cull sena ked jeħu ghal giol Caxxa ghall'inkas ħakk it-tmieħ ta dauc in-nies imsiechen. Chiecux juza li stess mezzi ghal dac il moghxa li ghad fadal uara Malta?

Chemm u chemm nixtiek inghid izied ghal gid tal Bidui, ghal gid ta Malta collha; imma li ntauual izied ma jistax icun. Però, b'dana collu ma nibkax fi ftit versi oħra ma nurix l'idea tighi b'dan il pont li iddecideitu bl'aħħar.

Malta acbar—Ix xeuka li ghandi li ncabbar il Malta, m'hux fil ħila u 'l gmiel taħħa biss, imma ucoll bl'art iggiaghalni naħseb ħuejjeġ izied ghaljin li quasi huma ta stranezza, ghadili m'humiex; u billi dan li seijer inghid ghandu x'iaksam ma *art* jen indaħħlu fil categoria tal Agricultura.

Hemm razza ta sigiar (u billi ked nicteb bla riferenza) bħal issa l'isem taħħom ħarabli minn rasi: intant, daun jitħaulu seuuaseu f'tarf il blat tal baħar u l'eghruk

MALTA PUBLIC LIBRARY

(1) Ipparagunau dauc iz-zeug sigiar tal karabocc li stampa taghhom dheret fil pagina 9, *Bidui* Nru 7 (April 1926)

jaghmlu ma tul is-snin huma ħuejjeg tal ghageb: jicbru u imiddu eghrukhom lilhemm ghal giol baħar, iz-zcuc tal uiċċ jinkatghu, il uiċċ jigi micsi bit-trab u isir art. Chiecu ma chienx ghax f'Malta narau collox bi cbir, cont b'dan cliemi inħajjar lil Gvern biex igib u iħauuel minn daun is sigiar. Chiecu tara minn daun imħaulin ma truf Malta, imiddu deijem eghrukhom lilhemm giol baħar, jinħasad deijem tal uiċċ u jinchesa, u fi zmien, ghid 20 sena, narau il Malta cbira, ghid li tcun daks li hi u nofs! Oh x'hena meta narau il *Malta acbar* u il Biedja acbar maghha!

Ma narauhiex bi cbira, l'aħua Maltin! Il Gvern Francis fi Franza, jeu hu, inchella ippermetta lil xi ħadd li użau il daun issigiar f'xi bnadi, minn ghalija lein Nizza, lein Tulun, u b'eghrukhom gie mimli fein chellu bżonn jintela.

Ghażiż Editur, li chiecu jecc m'hux collox dac li ghedt haun, imma mkar il quart, isir, icun sar ħafna gid li ghaliħ il Periodicu "Il Bidui" k'ed leil u nhar jaħdem

JUANN MAMO.

Il Marsa Hamrun, l'14 t'Ottubru 1926.

*
* *

23, Sda. Blata Garbo-Gozo

Sur Editur,

Il ħolkien collu li ghandu ħajja u moviment ibda mil Bniedem u spiccia fl izghar duda biex icunu f'saħħithom u izommu ħaijin ghandom bzonn indispensabili li jeclu il prodotti tal'art direttament biex niftemu il badan etc: jecol l'ghasafar li jeclu iz-zreraħ.

Imissu jicconfondi u jistħi il bniedem li ghandu id daul tar-ragiuni meta l'esperienza turieħ li animali minghair ragiuni ghaddeuħ bil hosta fid-deħen taħħom; tant jafu josru u ighassu tant ħuma particulari ghal luog u il maniera biex facilment u sgur jipprovdu il ħueijeġ meħtiegia biex jicconservau il ħajja li igialuch tistageb, ghax cos mkar sigra taf uisk fejn tmid ix-xnexel biex caemm jista icun tfittex tghola.

Il bniedem moralment ma iridx tghola ghax supperv ma iridc min ighalmu, ghax ghazzien, capriccius, u disordinat, l'art jaħdima ħazin biex ifittex jeħles u mbaghad ibleħ jippretendi li tghamillu ucuħ cbar u taibin bħal tal beżlin u attenti ghax-xoghol tal'art

Dehret il ħaxixa Inglisa fil gzejjer u dehret f'numru tant żghir illi li chiecu giet iccombattuta fil bidu taħħa chienet facilment tinkered; bniedem uieħed chien capaci jekrida ghal collox. Chem ħuma scartati u trascurati x'uħud jarau id deni jicber u iħalluħ min sena ghall'oħra jicber u frattant dil ħaxixa keda ittiħ uisk xiaghmel il ħaddiem l'art.

Xuħud iaħsbu li bil ħart ighaccsuha. Jena ngheidulhom li b'hecc izied tippropugaugha ghax dic mhix xi ħurtana ecc li tmut 'ghada jeu il pitghada tant tissoporti in-nixfa li ghanda il ħila tibka ħajja xuħud m nnha sa tliet gimghat taħt xemx tisreġ. Izied u izied jecc icollha bexxa xita taragha targia malair ghal hajja.

Fein hi if-follata l'aħiar mezz li sabulna nies esperti biex almenu inaksuha hu li jakilbu l'art b'talia fonda almenu xibrein, jaktu bis-sicchina xiber xiber kuddiemhom u jitfou ic-cim taħħa f'kieħ it-talia u mbaghad iduru jakilbu l'art fejn icunu kaxxru gio it-trlia u b'hecc ċim u xnexel collox jirtadam u jigi soggett ghat-taħsir. Dauc mbaghad li ghandom animali tal ħalib ghandom jitimghoughelom min floc li jordmuha ghax hi uisk tajba biex tħalleb.

L'istess deni kedin insoffru mil budebbus m'hux boghod iz-zmien li il ful, legum tant meħtieġ ghal bniedem u l'animali jinkata ghal collox mid-diar u is suk. Hemm mezz li uieħed ighaccsu u jista jinkered ucoll dan il misħut ta buddebbus. Ghanda tinzara l'art bil ful u piselli u din tall'aħiar jiggostaha uisk u ghalhecc dic iz-zerr gha collha li tcun f'uiċċ l'art jeu krib mil uiċċ colla tinbed ghal gost tal piselli. Meta telghet uieħed ghandu jeħoda maħħa u dejjem ikactilha il blanzuni tal uard kabel ma jiftħu biex ma ixerdux zrieraħ giodda u almenu cull sitt tijem targia tara jecc telghux ohrain u mil gdid tkaccathom ghax dic il buddebbusa li ktaitilha blanzun jeu tnein jeu tlieta u xi drabi izied, targia mil gdid tkabbes oħrain mill'istess gidra u jecc tittrascura ma iservicxein dac li tcun ghamilt kabel. Uara li tcun ghamilt dan collu

u uzait il cautieli colla ghandec targia tizra mil gdid l'istess art is-sena ta uara ful piselli uara li tcun klibta fond biex mill kieħ ittalla budebbus ghal uiċċ biex jinbtu u cull blanzun li jitla taghmillu chif ghadna kabel u b'hecc fi tliet snin jeu f'erba ghandec tirvinaħ il budebbus.

Jesisti nemel li jgheix biz-zreraħ. Dan jaghmel ħsara fil miżergha tal kmuħ, xgheir chemmun ħleuua gidra caboċċi basal insomma f'dauc iz-żreraħ colla li ghandu l'almu igorrhom uara li jinxteħtu biex jinbtu u b'ech l'art ↄi bnadi jeu tinbed bgheid bgheid jeu ma tinbed xein.

Dan in-nemel jinsab fid-diar tal bdeua ucoll u ikattelhom ix-xkeijer li icun fihom xi żreraħ u ma jistghu iħallu xein espost min ħabba fiħ. Ta gio id-diar meta icun fuk xi ħagia jebsa bħal ma hi il kigha tal'art ghandu uiħed iħokku sħiħ b'biccia ciarruta sachem imut u ech ta cull darba li mil gdid jider listess xoghol. Meta fil ħidma tall'art jinsab migbur fil beita tighu ciapep ciapep ghandu uiħed uara li icun lesta tnell jeu banju bl'ilma ghall'apposta, ghandu jerfghu bein ideiħ u jitfghu fl'ilma u jech jarfa xi trab mighu ghandu ifittex li it-trab jigi saturat tajjeb bl'ilma billi iħaudu pi mghaska li tcun ħdeiħ u sa tliet quarti ta sigha ħalluħ dejjem fl'ilma biex tcunu certi li spicciat ħaitu ghax jen li kighed nicteb rait nemel li baka ħai uara nofs sigha combat mall'gharka.

Hemm nemel iħor igheix biss bil ħdura ighedulu il mignun ghax jimxi zig-żag bħannaghma u cull tant jakleb lura u mil gdid jargia jimxi il kuddiem. Dan in-nemel kighed jicber uisk fin-numru u sar jinsab quasi cullimchien. Il ħsara li kighed jaghmel hi uisk cbira u jech ma niccombattuħz issa li ghadu il uakt jigrilna kif giaralna mil ħaxixa Inglisa u il budebbus; jaghleb u icolna inciedu l'armi. Dan il misħut jibda jattacca l'imxietel colla u imarraddhom u joktol bosta mix-xtieli teneri billi idur jakta jeu iferi il koxra taz-zoc tax-xtieli u hech jerdghu is-sugu vitali tal pianticella. L'istess ħsara jaghmel fix-xtieli li icunu it-traspiantati bħal ma huma il gidra cabocci. Hech ucoll jaghmel mghal patata u din fein tcun krib mil beita tighu colla joktola. L'istess ħagia jaghmel lil ful u xi drabi jitla ghannuar u jibda ighallek fuku bħal ħmieg isued u uara il ħmieg jiffaccia fuk il pianti quantità ta dud ghadu chif fokos, u il pianta bei li hi mghalka u b'dic il quantità ta dud parassiti timrad u tmut. Dan in-nemel oltre li jattacca il ħxejjex colla fiż żoc u fl'epidermide taħħom jitla ucoll fuk xi sigar bħal ma huma ir-rummien, lumi laring ittin u jaghmel minnhom l'istess ħsara u spiss jigri li daun imutu causa tighu.

Dan in-nemel hu ħazin uisk, ifittex il ħdura sa min 300 pass boghod, specialment fissaif (ifiittex xi sakui) u fein isibgha jghckod hemm ghalech biex jinkered, hemm bzonn li cull min isibu fil ghalka tighu jekerdu. Il mod li uiħed jiscopri fein hi l beita tighu hu dan: li timxi uara il processioni tighu u tara fein jitħol fl'art jeu f'xi ħait. Meta l'ghamara tighu tcun fit-trab jista uiħed jekerdu jeu bil misħun (jecc tuza il misħun ghokod attent li ma icunx hemm gheruk ta xi sigar jeu pianti) jghali o inchella bl'ilma. Haffer l'isfel fit-trab u insi issibu ciapep ciapep ta keila, jeu nofs keila imla il misħun b'cucciarun u itfa ghal fuku. Meta tuzau l'ilma biered ghamlu hech; sakku il beita u b'mbaghad mghaska agnu ma xulxin sachemm it-trab isir ġommus biex ma jistax joħroġ u jeħles minnhu u imut zgur. Meta il beita tighu tcun fil ħait dejjem ilma jaghli ghandu icun uzat. Hottu il ħait sachemm issibuħ ciapep ciapep u roxxulu il misħun fuku u fitciuħ tajjeb ghax meta icun hemm quantità cbira icun imkassam fi 3 strati jeu erba l'ifnad uiħed jista icun ma duar xiber u nofs mill invell tal art l'isfel.

Xi rvina ucoll hu il bebbux, chem ħsara jaghmel fix xtieli specialment tal gidra u cabocci chif jecol itakkab il uerak bħal gharbil u ma icunux capaci ghas-suk. Dicn il moghza chem taghmel ghal mizergha tas-saif u tiecola malli tisponta u tiffaccia u fratant ftit huma li jaghmlulhom guerra. Dan il bebbux jista jingiabar uara ix-xita jeu f'ghodua tan-nida u jech jinsaħak u jigi mghoti l'it-tjur domestici jaghmlu festa fuku. Barra milli hu nutritiv ghalihom jeħdu ucoll sustanza minnhu biex jifformau il koxra tal baid.

Hsara cbira ucoll jaghmel l'imkas tall'art (dudu jixbaħ lil dac tal kamħ) billi ibid fil kalba tal cabocci u pastard. Daun l'insetti malli jofsku jibdeu ighermu il kalba l'izied tenera tal pianti li semmeit u jirvinaħom Ghalech meta tarau il kalba l'izied tenera ta xi pianta bil uerak mtakkab bħal gharbiel fitcιuħ tajjeb il geuua sa min fein jisponta u id-dud oktluħ u arau li ma ja kax xi uiħed fuk il uerak jeu fl'art u ma tiscoprux. Dan id-dud jeħu il-leun tal uerka li icun ipoggi fiha.

Biex uiħed jeħu prodotti cbar u taiba hemm bzon li jaħdima seuua u juza issugerimenti ta min ighalmu.

Biex ix-xtieli jichbru chem imisom hemm bzonn li l'art u il ħofra taħħom tcun minkuxa almenu 3 darbiet u ma jigiux imsokkia ħlief almenu 5 tijem uara innakxa biex jaghmlu xnixel giodda u icabbru dauc li gia icunu maghmula. Tajjeb ucoll li uiħed jaktelhom 3 uerkat jeu 4 ta ħdein l'art biex il current tall'aria jiccircola liberament madu̇ar iż-żoc u jinzel fein ix-xnexel. Ix xtieli ma ghandhomx jitħaulu iffollati. Ghal collox hemm regola fil ħolkien.

Lil Editur u Direttur tal "Bidui" ghall' informazioni tal bdeua l'umili serv tighac espona,

CIUSEPPE CARUANA.

## FUK IZ-ZUNTIER.

( Tghalim )

Tahdita bejn Peppi u Toni.

—

P.— X'hemm Ton. Cont kighed infitixec.

T.— X'ghanna Pepp. X'inkala.

P.— Ma inkala xejn imma chif geit haun fuk iz-zuntier ridt nara nghamillecx xi mistoksija.

T.— Gheidli, gheidli Pepp.

P.— Ghandi xi xitel tat-tadam, ghadu fil hammiela u ix-xitel kieghed jisuied u imut, tista tgheidli Ton, x'inhi l'affari ?

T. Mela ma ngheidlecx. Pepp. Icolli ngheid li inti zrait il hmiemel fsik uisk jeu actarx kghedin f'post delli u umdu.

P.— Iva Ton, huma dakxejn chennin u anchi mizrugha fsik.

T.— Dan mghandux icun Pepp. Il hmiemel mghandec katt tizraħħom fsik, u jinħtieġ li ghalihom tghazel post xemxi u xott.

P.— Darb'oħra hecc nghamel Ton. Imma issa li giara giara. Allura ma nista nghamel xejn biex insalva xi ftit xitel.

T.— Tista. Ismghani Pepp: Malli tilmah x'uħud mix-xitel jisuied bħal ma kghed tgheidli, daun ghandhom *malair jigiu maklugha mill ħammiela u jinħarku*, ghaliex inchella jicciapsu l'oħrajn; fli stess hin jinħtieġ li tbixx il ħammiela b'taħlita mghamula min nofs ukija Potassa Solforata f'gallun u nofs ilma.

P.— Potassa solforata x'inhi, Ton ?

T.— Potassa solforata hi fuied tal cubrit.

P.— Fuied ta biex ?

T.— Ghedtlec il Potassa solforata jgħeidula fuied tal cubrit.

P.— Iva iva, Ton, issa fimtec.

T.— Issa hemm mard'oħra, Pepp, il marda tal ġlata jeu taħsir. Din tista tmiss chemm lil uerak u chemm lil frotta li tghamel tebgha li tisuied u it-tahsir jigri sachemm jilħak iz zocc u tinfirex fuk uerak jeħor.

P. Iva Ton, is-sena l'ohra chelli din il marda izda misset biss liz-zocc.

T.— Le, Pepp. Dic li tmiss iz zocc li tibda biex turi tebgha tauualija seuda li mbghad titħassar, tinten, u takta ix-xitla mill'gherk, hi marda oħra. Izda daun iz-zeuġ mardiet iridu il bexx bil cupru, jeu bil mistura burdulisa, chif inbixxu ll patata ghat-taħsir. Anchi f'dan il cas, jinħtieġ li il bexx isir kabel ma titfaccia il marda. L'aħjar li isir il bexx hu li jibda min malli ix-xtieli jitħaulu fil post u jitcompla cull 21 giurnata sachemm idumu jatu il frott.

P.— Sa haun ftehmna. Ton Issa gheidli xi hagia fuk il berghout.

(*Jissocta f'paġna 46*).

# CUN BIDUI GHAKLI.

La tħallix li jippersuaduc biex ituc xi ħagia u jgheidulec li hì taiba daks in-Nitrat.* La tuzax ħaġ'oħra izda itlob dejjem u *cun zgur* li ituc

## Il Famus Demel Artificiali

# Nitrat tas-Soda

Jinxtara min ghand:

| | |
|---|---|
| G. M. BUGEJA & Co. | 25, Sda. Forni, IL BELT (Hdejn il Chnisia ta Santu Uistin) |
| CARMELO VELLA | Vicolo Fauuara, SLIEMA |
| MICHELE MIFSUD | 62, Sda. Vincenzo, SLIEMA |
| A. BEZZINA | 18, Sda. Ferdinando, GARGUR |
| THE GENERAL BAZAAR | 17, Piazza Paola, CASAL PAOLA |
| P. MIZZI (AGIUS) & SON | 13, Sda. Margherita, BORMLA |
| FEDELE SPITERI | 23, Sda. Reale, GUDIA |
| A. ABELA | 7, Sda. Reale, C. DINGLI |
| S. MIFSUD | 134, Via Congr. Eucaristico, MUSTA |
| GIUSEPPE MUSCAT | 378, Sda. Reale C. CURMI |
| GIO. BATTA SAMMUT | 115, Vallone, BIRCHIRCARA |
| ANTONIO FARRUGIA | 56, Sda. S. Angelo, ZEITUN |
| ALF. G. CAUCHI | "Farm Irdum" STA. VENNERA |

MALTA PUBLIC LIBRARY

GHAUDEX, min ghand il CUMITAT TAL GVERN, Segretariu is-Sur GIUS. AZZOPARDI Corso Fortunato Mizzi, ir-Rabat.

*N.B. Id-Ditta G.M. Bugeja & Co. tixtiek tghamel Agenti taiba f'dauc l'irħula ta Malta fein ghad m'ghandiex.*

*Ghal informazioni mur 25, Sda. Forni, il Belt. Miftuħ dejjem u nhar ta Hadd sa nofs-in-nhar.*

T.— Il Berghout (*aphis*) jidher fuk il kliebi u uerak tari. L'ectar li jingiemgha taht il uerka li titchebbeb u titchemmex collha.

P. — Iva Ton, hecc hu. u x'tghamel biex tekerdu ?

T. — Lahjar mezz biex ticcumbattieh hua li tnissel il cola jeu żebbelica tas seba ticchi (Coccinella 7 punctata) l hia uahda mill akua hbieb tal bidui. Din iż-żebbellica tiecol l'aphidi u hafna insetti ohra u f'kasir żmien tnaddaf ghal collox il uerak marid. Ghaldakshecc meta jidher il berghout bizzejjed uiehed ifittex dina iż-żebbellica u jecc ma tcunx digia dehret fuk ix-xtieli tat-tadam, jara min jigborha u jitlak ftit fuk il uerak marid.

P. Seuua uisk Ton.

T.— Mezz iehor sabiex uiehed jekred dan l'insett hua il bexx bl'infusioni tat-tabacc quart (¼ Rot.) f'gallun (1) i ma, jeu tat-trab tal brighet, ukija (1 oz.) f'gallun (1) ilma, jeu ahjar b'uahda mil hafna preparati li jinsabu fis-suk ghal dan il mard, bhal ma huma il Katakilla, "Cook's Spraying Mixture", Nicotina, u ohrain. L'infusionijet tat-tabacc u tat-trab tal brieghet, iridu jokghodu tnax il sigha kabel jitbexxu u ghaldakshecc icun tajjeb jecc isiru haun il-lejl u jitbexxu mas-sebh

P. — Grazzi Ton, habbattec dakxejn. Hu pacenzia bija.

T.— Pacenzia zgheira Pepp, Bonsuà.

P.— Sahha Ton, u grazzi hafna.

## Notamenti

Nirringrazziau min kalbna lill Canonicu V. Vella, A.T.B.S.Th. tal ittra li bghatilna. Il hajja tal bidui San Isidoru tinteressa sgur lill karrejja taghna, u ahna pronti biex ingibugha ftit ftit fil "Bidui" jecc il habib taghna Can. Vella jibghatielna.

***

Mijet, biex ma ngheidx eluf ta ittri gejjin f'idejn l'editur continuament fuk l'gholi tar-raba. Il Bdieua ghandom ragiun, *elf ragiun*. Min chien ihallas kbiela ta £5, illum kghed ihallas £20 f'xi casi anchi izied u li mseichen bidui ma jistax jghamel mod iehor, ghax jecc jitlak dac ta ideih b'idejh voita jibka sgur. Il biccia il cbira ta dan l'gholi *gej mill bdieua stess* li imorru jghollu uiehed fuk l'iehor. Ghalchemm dan hu hecc, ahna nisperau li xi deputat jehu din l'affari f'considerazioni seria, u igighel lill Govern jistudigha mill'actar fis. Dina biccia li m'ghandu jidhol ebda partit figha, u biccia li ghanda bżonn ta attenzioni, *immediatament*.

***

Nirringrazziau min kalbna l'is-sur Henry Casolani ghar-rapport fuk l'Emigrazioni li bghatilna. Is-sur Casolani jisthokklu tifhir cbir, ghax ghamel ġid immens lil hutna li telku artna biex jakelghu hobzhom f'artijet ohra. Is-sur Casolani ghamel u *ghadu jghamel* dac li jista ghal gid ta dauc li emigrau u li ghad jemigrau. Ir-rapport tas-sur Casolani hua importanti u interessanti u dauc li jafu jakrau bl'Inglis jistghu jixtruh mill'istamperia tal Gvern. Ghalchemm is-sur Casolani ma idumx ma jirtira ahna sguri li hu jibka jahdem ghal-l'artna, bhal ma s'issa hadem b'gid cbir GHAL CULLHATT.

***

Fil hargia Nru. 1 tal Bidui fl'articolu "*Tghalim b'dakka t'ghin fuk*

*il Biedia*" tas-sur Juann Mamo, f'pagina 21, it-tieni colonna *besberi* trid tigi *berberi;* f'pagina 22 it-tieni colonna "Sidi-Biar" trid tigi Sidi Bixr.

*
* *

Medicina l- scond ma smaina aħna, kgheda tghamel gid u success cbir, hi *Diabetylin*, li giet imdaħħla haun ma'ta mill'energicu agent Is-sur Cesare Vassallo. Aħna m'aħniex seirin infissru x'inhi u ghal fejn is-servi din il medicina, ghaliex issibuha spiegata biz-zejjed fl'avvis li jinsab f'pagina oħra ta din il ħargia. Aħna nisperau illi hi icollha l'attenzioni li jixirkila. Dauc il Farmacii li ghad ma ghandhomx mid-diabetylin, jistau jacquistau billi jiccumnicau mas-sur Vassallo.

*
* *

Il karrejja taghna huma mitluba jghatu dakka t'ghain bl'attenzioni lejn l'avvis (li isibu f'pagina oħra ta din il ħargia) fuk li sptar ta Blye. Ghal din id-darba, imfħabba in-nukkas tal uisa ma nistghoux nghamlu ħaġ'oħra ħlief raccomandazioni kauuija lil cull minn ghandu bżonn ta cura taiba u perfetta. Li sptar hu taħt it-tregija tal ħabib taghna is-sur C. Blye li jghamel il possibilta tieghu collha biex jissodisfa il clientela tieghu, chif ucoll izomm fil gzira taghna sptar hecc meħtieġ.

*
* *

*Jecc "Il Bidui" iġhogboc, irriccmandaħ lil ħbieb tieghec, hua jintbghat b'xejn u posta imħalsa.*

*
* *

Din id-darba, actar missoltu, irceveina numru cbir ta ittri min ghand bdieua u oħrain jitolbuna nibghatulhom copia tal "Bidui", izda fl'ittra jinseu jghamlu isimhom u l'indirizz taħħom bil conseguenza li aħna *nircievu* l'ittra, izda contra kalbna icolna inuaddbugha ma 'l carti imkatta ghar-ragiuni li ħaġ'oħra bigha ma nistghoux nghamlu. La tinseux tictbu l'isem u l'indirizz fuk cull ittra li tibghatu.

Nitolbu ucoll lil ħbieb taghna li meta jictbulna jghamlu bolla ta sitt ħabbiet, chemm jecc l'ittra tcun miftuħa chif ucoll mghaluka. Carti stampati *biss* imorru b'bolla ta tliet ħabbiet.

—xox—

## Is-Sulfat tal Putassa u Il Kainit.

Bosta mil ħbieb taghna chitbulna u stakseuna x'differenza tghaddi bein is-*Sulfat tal Putassa* u 'l Kainit.

Aħna nirriccmandau l'uzu tal Putassa f'forma ta sulfat, ir-ragiuni hi li hu actar economicu u actar comdu biex tapplicaħ. Id-differenza fil prezz m'hix cbira, imma uieħed ghandu igib kuddiem ghajnejħ illi issustanza li fieħ is-*Sulfat tal Putassa* hi erba darbiet actar kauuija mil Kainit.

In-Nitrat u's*Sulfat tal Putassa* jistghu jintatau flimchien, izda ebda uieħed ma jista jghokod floc l'jeħor Jigifieri m'ghandecx katt tati *Sulfat tal Putassa* fl'oc in-Nitrat tas-Soda.

Is-Sulfat tal Putassa ghal Patata u prodotti oħra l'aħjar li jintata kabel iz-zrieħ.

## CORRISPONDENZI.

Maħbub u Għażis Editur tal Bidui,

F'daun iż-żmenijet tghana l'agricoltura hia ghaddejja uisk il kuddiem, studiu cbir fuka minn cullħatt kghed isir, is-società moderna rat chemm hia ta htiegia cbira. U ma jistax icun diversament f'seculu bħal dan, li fieħ il gherf u il progress tghauna it-telegraf il *wireless*, il vapuri, it-telefon, il fonografu u il luce elettrica. Ghalhecc liema arti, hia ta gid u ghana actar mill'agricoltura ?

Hia chienet, ghada u tibka f'cull żmien u cullimchien il ħajja tal maħluk collhu—*Ego sum vita*—Saru studi l'actar profondi, minn bosta ghorrief biex jgharfu il ligiet tan-natura, dauc li ighajjxu u icabbru u isebbħu il pianti, chif jittnisslu l'gheruk, chif igheixu bl'aria permezz tal uerak, chif inisslu razez giodda, permezz tat tilkim, fuk il clima, u l'aria. Biex jirnexxilhom dan sejjħu gherf ieħor, scienzi oħra ; il Chimica bil formoli u bit-tichxif taħħa, bdeu isibu u jgharfu żrierah, u jghatuhom l'ismijet, il Matematica bil calcoli taħħa, Metereologia bl'indovnar taħħa, il Fisica bl'invinzionijet ta strumenti biex bihom jaħdmu ir-raba, aħiar, u b'inkas xogħol, b'macni ħfief u ta malair.

Sahansitra l'economia resket leihom u tghatom il principji taħħa, cioè *che il lavoro è ricchezza*, li ix-xoghol hua ghana: u ghamlet chemm setghet biex tghaddi il kuddiem il biedia.

Aħna ulied ta dan is-seculu insellmu b'kalbna collha cull progress, li icun ta gid, anche li icun biss materiali. Aħna ghandna ghal kalbna dac collu li hua ta gid ghal cull xorta ta nies. Imma bħala veri insara, ngheidu li l'ebda ħagia ma tista tcun ta gid u ghajnuna, jecc ma tcunx mghejuna mill fidi imkaddsa, u bis-saħħa tal Haddiem ta Nazzareth Sidna Gesù. Ghaliex f'daun iz-zmienijet sigur katt ma deher actar ciar dac il cliem li kal l'antic poeta, Orazio. *Nemo sua sorte contentus vivit*, igifieri : Hatt ma hua cuntent b'dac li ghandu.

Tinsab manija, veru genn cullħatt irid ibiddel il ħajja, cullħatt ighemghem bis-salib tighu. B'mod speciali il bdieua, iridu iħallu l'alka biex imorru fl'ufficciu, l'imaska fil pinna, il campania fil bliet, u ix-xoghol fid-divertimenti. Imma min hua veru nisrani u jgharaf seuua l'Evangeliu, dan jgharfa dac is salib li taħ Gesù Cristu u imur ghal arajh, biex bhalu jghein il proxxmu tighu u isalva ruħu.

Tasseu li ix-xogħol tar-raba hua ibes, il ksieħ, il bard tax-xitua, il kauua tax-xemx tas-sajf, huma ħarxa, it-tempesti ta l'airu, id-danni ta l'animali, huma cbar, imma fein hemm il fidi hemm collox, jaf li dac li kighed isofri, isofrieħ ghal dnubietu, u bieħ icun ucoll ta profitt cbir ghalieħ, u ghal proxxmu collu, u ta dan barra milli icollu il gid li jghajjex il familja, fis-sema icollu ippreparat ħlas cbir minn dac il Giardinar Divin, li fl'Evangeliu tighu, ifaccarna f'dauc in-nies li sabhom ghżżenin, ideihom marbuta bghathom jaħdmu fl'oksma tighu, imbghat lil cullħatt ħallas chif ħakku.

Immela b'dan il cliem li ghedtlech Sur Editur, irrid ngheid, li il Bidui ghandu jirringrazzia l'Alla min din is-sengha taħħom mhux le ighemghem, bhal ma jghamlu x'uhud minnhom, tismaħħom igheidulec : Salib acbar min tal Bidui ma haunx.

Il kuddiem jecc ghandec piacir, nippresentalhom il ħajja fi ftit cliem tal Bidui S. Isidoru.

Inselli ghalic u zommni dejjem b'ħabib tighec

CAN. V. VELLA,
A.T.B.S., Th.

L'Imdina.

***

## Xinhi l'aħjar ħaġa ghal bdieuá

Sur Editur,

Il-lum ftit huma dauc il bdieŭa li f'darhom, ma ghandhomx tifel jeu tifla jeu huma ucoll li ma jafux jakrau bil Malti. Ghalhecc ma nistax nicteb ittra ta feuda acbar minn din, jigifieri, li cull bidui u cull bniedem li l'ghaxka tieghu hi il ħidma tar-raba u l'gonna ma ghandux jaghmel ħag'oħra ħlief jakra l'*periodicu "Il Bidui"*

Ta bdieŭa Maltin.

Nies ghorrief ta cull katgha bħal: kassisin Avucati, Tobba, Nutari, Filosfi, enginieri Generali u uisk oħrain daŭn ma sarux ghorrief billi kalu: "hecc chienu jghamlu ta kabilna, chif sibna d'Dinja nħalluha. Chiecu ghamlu hecc, ma chienx ŭieħed jista ighazel brimba, naħla jeŭ ħaġ'oħra min bniedem—ghax il brimba chienet tghamel ghankbuta u hecc bakghet tghamel ŭara armajn 6,000 sena. Hecc ucoll in-naħla, xaħda chienet taħdem u xaħda tibka taħdem.

Izda x'gara bil gherf?

Dari mhux uisk fil kadim chien jinxtghel il musbieħ imnemnem. Il-lum? Għandna l'Luceletrica li d'daŭŭal kisha xmux.

Dari biex isiefer bniedem, chien irid jghamel mixja ta xaħrejn jeu izied biex jasal ghal fejn irid isifer.

Il-lum floc xahrejn jista igiba fi-6 jem, ghax jista itir fl'ajru (b'Laruplan) x'giebu dan?

Il gherf tgħiduli!

Dan il gherf mnejn gie?

Il għerf, gie milli daun chienu jakraŭ cotba u bli mal kari dejjem il moħħ jinfetaħ u izied fil gherf. Mela ja bdieua.

Jecc tridu li tghaddu l'kuddiem fil biedja (agrigoltura) la tħallu katt li cull meta joħroġ *Il Bidŭi* ma tukrauħx.

Intom li contu tabilħakk rizkchom tajjeb li sibtu lis-Sur Marmara jeħu ħsiebchom, u m'hux biss li jitħabat is-sena collha izda minn fuk jatichom *"Il Bidui"* b'xejn (bla flus) xi tridu actar?

Bdieŭa,

Akrau "Il Bidŭi" jecc tridu titaghlmu taħdmu ir-raba u zidu in-Nitrat tas-Soda mad-demel biex ma tindmux.

Aghddu il kuddiem Bdieua!

Il bidui taghna ghad ma iridx jifhem li meta *tħħaddem moħħoc is-serraħ gismec.*

X'jisua li titħabat is-sena collha minn dlam sa dlamm, takleb u taħrat tinfok u tħallas il kbiela, jecc ma tekridx iz-zerieraħ ħziena li lilec itelfu dac li jista jatic ir-raba bil ħidma li fcun ħdimtu? Fost daŭn iz-zrierah sahta tar-raba taghna hu il Bunebbus. Il bidui barra milli jghamel il ful ghal biex iċħollu mnejn jinkeda u ibieb, jiżra dan il ghatu, (uiċċ) biex iserraħ l'art U minnu dan l'art takla li tghamel kamħ daks chiecu chemm demmiltha. Izda x'gara? Gara li xi bdieua ma iridux jisimghaŭ il cull meta jarau pin ix-xitla tieħu mal ful ikactuha minn bicri u cull fejn jarau uaħda isusu uarajjha biex ma'ttellax żerrigha! Għax jabni din titfa mal fula jeu meta tghamel il ful actar min darba il budebbus irum (jitrauuam). Le u la ŭaħda u l'inkas oħra il ful, ful jghamel! jitrauuam ghax takla il ful u xi 1000 budebbusa tħaliha iz-zgħarra. Jen ilni nghamel il ful fi gnien 23, sena katt ma ram, Izda cull meta rajt ŭaħda klaita.

Tghallem *Bidui*!!

C. SANT

MALTA PUBLIC LIBRARY

Bdieua la tistennneux is-snin biex tarau l'effett li jghamel il famus demel artificiali Nitrat tas-Soda. Il gid cbir tieghu hu biz-zejjed mgharuf. Ibda mela uzaħ mil-lum. Ghal kamħ u ghal patata chif ucoll ghal ħxejjex oħra, in-Nitrat tas-Soda jghamel effett tal ghageb. Cun sgur li tuza in-Nitrat tas-Soda u taccettax demel ieħor li jgheidulec li hu tajjeb daks in-Nitrat.

## IL HANZIR.

—

Mictub mill Professur J. BORG, M.A., M.D.,
Suprantendent tal Biedja.

—

It-Trobbija tal Hnieżer tħalli kliegħ cbir lil Bdieua ta Pajjisi oħra. Biex ma insemmix band'oħra insemmi biss id-Danimarca fejn il Bdieua jatuha sħieħ għat-trobbija tal ħanżir. F'dac il pajjis jinsabu mitt ħanżir għal cull 180 ruħ tal popolazioni colla, u b'din it-trobbija tal ħnieżer id-Danimarca stgħaniet, għaliex kigheda tforni is-suiek ta l'Inghilterra u tal Germania bil porcu, bil perżut u bil (beicon), ta qualità mill'aħjar. B'din it-trobbija tal ħnieżer id-Danimarca giebet il kuddiem il biedja colla, minħabba fil għalf li irid il ħanżir, u minħabba fid-demel tigħu li chif jaf cullħatt hua demel mill'aħjar għal prodotti. Minħabba fit-trobbija tal ħnieżer, chibret ucoll geuua id-Danimarca it-trobbija ta animali oħra, u l'iżjed it-trobbija tal bakar tal ħalib, għaliex ix-xorrox li jibka uara li jeħdu il butir u il giobon, jgħamlu bieħ l'għasida li biha isemmnu il ħnieżer, u biha il porcu jeħu tgħoma bnina li tingħoġob uisk. Fi ftit cliem il ħanżir hua gid u għana tal pajjisi colla fejn jit-trabba, imma chif narau il kuddiem din it-trobbija trid issir bis sengħa, biex il bidui jibkgħalu il kliegħ collu li imiss.

Nistgħu ngħeidu li il porcu frisch li jit-tieckel f'daun il gżejjer tagħana hua collu trbbija ta pajjisna. Scond ir-rapporti li uasslulna f'ideina, fil 31 ta dicembru 1922 chien haun f'daun il gzejjer 13,521 ħanżir u billi il popolazioni tal gżejjer tagħna hia 212,258 ruħ, jigi li bil chemm għandna 10 ħnieżer għal cull 157 ruħ. Intant il poplu m'hux jecol biż żeijet laham tal porcu, għaliex il laham m'hux irħis, il porcu actarx li dejjem għola miċ-ċanga, u forsi ucoll għaliex il porcu tagħna minħabba fit-trobbija hazina m'hux deijem icun bnin u taijeb chif imissu icun. B'dana collu aħna kegħdin ingibu min pajisi oħra f'cull sena b'iżjed min b'chemm jisueu £18,000 perżut u beicon, barra mix-xaħam li jisua eluf oħra ta liri. u ma nafx il għaliex aħna ma għandniex il ħila inrabbu il ħanżir għal perżut u għal beicon bħal ma jgħamlu f'pajisi oħra.

Cultant nisimgħu xi bidui jgħeid li it-trobbija tal ħanżir ma tfendix, u li bilchemm tifdi li speijes li icun għamel. Aħna inuieġbu li it trobbija ħażina u trobbija bla sengħa bil fors ma tfendix, u dan il cliem jgħodd m'hux biss għat-trobbija tal ħanżir, imma għal cull ħaġa oħra tal biedja, u għal sengħa jeu xogħol iħor li jgħamel il bniedem.

Mela biex it-trobbija tal ħanżir issir chif titlob is-sengħa, hemm bżonn li uieħed icun jaf: 1) Liema huma l'aħjar razez li għandu irabbi. 2) Chif għandu isir it-tnissil u il ftama. 3) Chif għandu jitrabba u jissemmen il ħanżir biex iħalli kliegħ taijeb.

### LIEMA HUMA L'AHJAR RAZEZ TAL HNIEZER

Culħatt jaf li l'aħjar ħnieżer, seuua għad-daks taħħom, chemm għat tieba ta laħamhom, u chemm għaliex jitrabbeu u jissemmnu malajr, huma ir-razez ta l'Inghilterra. Imma m'hux coll razza tgħodd l'istess għal cull fein tridha. Hemm razez li huma tajbin għal porcu frisch u m'hux għal perżut, u hemm oħrajn li huma tajbin iżjed għal perżut u għal beicon milli huma għal porcu frisch. Il ħanżir ta Malta għandhu laħmu m'hux bnin bieżżeijed, ma jigberx uisk, ma jarfgħax laħam uisk, u jissemmen bil mod, u għalec it-trobbija tigħu ma tantx takbel bħal dic tar-razez inglisi.

Daż-żmien, mad-dinja colla, u l'iżjed fl'Inghilterra dauc li irabbu il ħnieżer kgħedin jgħamlu chemm jistgħu biex inisslu razez li jilħku malajr għalbiex jissemmnu u li jissemnu f'kasir żmien, u hech jaslu malajr għol biccerija. Għaliex hia ħaġa li jintebaħ biha cullħatt li iżjed ma l'animal jasal malajr għal biccerija, iżjed iħalli kliegħ għal min irabbi, għaliex icun chiel inkas u trabba bi spejies inkas min animal li dam ma chiber u dam jissemmen fil makjel. M'hux biss dan, imma hia ucoll ħaġa mgħarufa li il-laħam ta animal imsemmen żgħażuħ icun actar tari u bnin mil-laħam ta animal ta l'istess razza li għandhu żmien iżjed biex jismen. Fl'Inghilterra hemm ħnieżer li jgħamlu min 600 sa 800 libbra (342 sa 457 ratal), imma daun huma ħnieżer li irabbuhom għal Uiriet tal Bgħeijem li isiru ma tul is-sena f'ħafna bliet ta l'Inghilterra. Il bdieua inglisi sabu li iżjed jakblilhom

irabbu u isemmnu il ħnieżer sa ma iuasslu xi 250 libbra (xi 143 ratal), għaliex il ħanżir actar ma jicber fil pis, jgħamel laħam inkas accont tal ichel li jecol. Tarġa il carcassa jeu kafas imdakkas jeu żgħeir jitfittex iżjed għal biċċerija u min jgħamel il beicon jeu il perżut ma iridx laħam goff. Fl'Inghilterra il ħanżir għal beicon u perżut iriduħ icun ta sebgħa xgħur jeu tmienja, u m'hux ta iżjed min għaxar xgħur; fil uakt li għal porcu frisch ħnieżer ta tliet xghux jeu erbgħa, pis ma pis, jithalsu iżjed min ħnieżer cbar jeu ta żmien itual.

Għedna li il ħnieżer tar-razez inglisi huma l'aħjar ħnieżer li haun fid-dinja. Il bdieua tad-Danimarca, ta Franza, tal Germania u tal America inisslu il ħnieżer taħħom mir-razez inglisi. Imma m'hux deijem chien hech. L'Inglisi nisslu ir-rażez sbieħ li ghandom min xi mitt sena l'haun, daħħlu f'pajishom il ħnieżer cinisi u il ħnieżer naplitani, u daua mar-razez comuni li chien hemm fl'Inghilterra, tnisslu minnhom ir-razez sbieħ u imsemmija li hemm il-lum. F'dac iż-zmien il ħnieżer ta l'Inghilterra ma chienux aħjar min ta pajisi oħra; chienu mgħadmin u chienu jismnu bil mod, u il laħam taħħom katt ma chien icun hech smin u bnin bħal daż-żmien. Din il bidla hech cbira m'hix geija biss mit-tnissil tal ħnieżer cinisi u naplitani, imma ucoll għaliex il bdieua inglisi bdeu iħallu il ħnieżer taħħom fli mjekel min f'loc li jirgħau chemm iridu fil boschijet, fejn forsi irabbu iżjed laħam dejf, imma ma irabbux grass u sonza, u jissemmnu bil mod; chif ucoll għaliex bdeu jitimgħuhom ichel aħjar u li isemmen bħal ma hia is-smida, il farru, il ħalib scremat u ix-xorrox u il patata, min f'loc li iħalluhom jirgħau għal ruħħom suk il ħaxix u il giandar tas siġar tal ballut. B'hech tnissel il Ħanżir cbir abjad, u uara xi snin tnisslu ucoll il Hanżir cbir isued, u il Hanżir abjad musuaf ta Lincoln. Tnisslu ucoll il Hanżir abjad beijeni u il Hanżir abjad żgħeir; imma dan ta l'aħħar, għad li jissemmen b'ħeffa cbira, hua kerkni uisk għal bżonnijet tas suk. u għalech ftit għadhom irabbuħ il bdieua inglisi. Il Hanżir ta Berkshire hilu min żmien kabel ma tnisslu daun ir-razez li semmeina, imma f'daun is-snin in-nisel tar-razez il giodda għadda hech il kuddiem li illum ir-razża ta Berkshire għad li ma tigberx uisk u hi mgħaduda ma l'aħiar razez, ma għadiex tissemma hech bħal dari. Għall'euuel il ħnieżer tar-razza ta Berkshire chienu actarx dgħajfin, imma il lum għad li fid-daks daun l'animali ma iħabbtuha xein mal ħnieżer cbar bojod jeu sued, bil cura li għandhom saru jgħatu laħam mil-aħjar, u jech xi ħaġa, id-difett li għandhom hu li jismnu iż-żejjed, u irabbu grass uisk Razez inglisi oħrain, imnisslin m'hilomx huma il Hnieżer cbar imtebbgħein ta Gloucester, u il ħnieżer cbar tat-tebgħa fuk spalleihom.

M'għandniex nahsbu li il ħnieżer collha li jitrabbeu fl'Inghilterra huma collha daun ir-razez sbieħ li semmeina. Daun ir-razez mgħażulin u sbieħ insibuhom l'actar għand il bdieua dilettanti li jgħokodu m'hux ftit b'għajneihom miftuħa biex ir-razza ma titħassarx u jgħamlu chemm jistgħu biex daun ir-razez igibuhom dejjem il kuddiem u għal âħjar. Minn għand daun il bdieua dilettanti il bdieua tad-Danimarca u ta pajisi oħra imorru jixtru il friegh biex bihom iseuu id-demm u jgħaddu għal ahjar ir-razez li għandhom f'pajishom.

Issa ngħaddu biex nitchelmu minn daun ir-razez ingliżi, uaħda uara l'oħra.

MALTA PUBLIC LIBRARY

### Il Hanzir Abjad Cbir.

Din hì ir-razza li minnha huma imnisslin il-lum il ħnieżer tad-Danimarca, u l'aħjar ħnieżer tal America u ta pajisi oħra. Dan il ħanżir jicber uisk, u xi drabi iuassal u jgħaddi il pis ta 500 libbra (xi 280 ratal). Imma icun fl'aħjar tighu, chemm għat tjubija tal laħam, u chemm għal kliegħ li iħalli lil bidui, mita icun uasal bejn 200 u 300 libbra (jeu bejn 115 u 170 ratal). Dan il ħanżir għandu icun ta leun abiad, b'xagħar abiad u actarx kasir, mingħair l'ebda xagħra seuda u mingħair lanżit aħrax fuk dahru u fuk għonku. Il gilda għandha tcun baida, mingħair tbaija sued jeu coħol. Ir-ras għandha tcun ftit tauualiha, bil uiċċ miftuħ, b'għeddum actarx kasir u uisgħa, imma m'hux kasir iż-żeijed; b'ħaddein cbar u b'għonk uisgħa, minn uidna għal oħra. Il uidnein għandhom icunu tual, doiok, uekfin, bil ponta ftit maklubin il kuddiem; b'għonk actarx kasir imma oħxon u mimli fuk li spallein, u

b'sider uisgħa ; b'li spallein seuua seu m'għola id-dahar, u uisgħein ; is-sakain actarx ftit ksar, imbgħedin minn xulxin, jinżlu dritt mal ġemb, mingħair ma icunu imfetthin jeu mitfugħin il geuua. Id dahar għandhu icun tuil ; livell uieħed u uieħed m l-li spallein sad-denb. Il custilji custilji iridu icunu miftuħin seuua, u il ġemb jaħtieg icun fond, bil coxox uisgħein u mimlija.

### Il Hanzir Abjad Kerkni jeu Żgheir.

Dan il ħanżir il-lum ftit għadhom irabbuħ fl'Inghilterra, għad li għad-daks tigħu jismen malajr u jasal malair għas-suk, għaliex il biċċerin ifittxu laħam iżjed cbir tant għal porcu frisch, u actar għal beicon u għal perżut,

### Il Hanzir Tamworth.

Din ir-razza titrabba l'iżjed fi Worwickshire u fi Staffordshire u ticber m'hux inkas mil ħanżir abjad cbir. L'animal jicber malair, imma ma jissemminx hecc fis bħal daun li semmejna. Il-laħam tigħu ma icunx mgħobbi bil grass bħalhom, fieħ iżjed dejf, u għalhech iżjed stmat għal perżut u għal beicon. Hia ħaġa mgħarufa li ħnieżer ta din ir-razza, friegħ ta xi sitt xhur, giè li jgħamlu perżut ta xi tnax il ratal il uaħda. Il ħanżir Tamworth ghandhu jingħażel li icollu gisem tuil u dritt, b'sakajn għoljin, u hecc iuassal fil għoli daks il ħanżir isued cbir, li għad nitchelmu minnhu. Għonku tuil, rasu tuila, b'gheddumu tuil, mingħajr ma hu mgħobbi bil grass maduar għonku ; il uidnein uekfin, bil ponta miluija il kuddiem. Icun musuaf ġmilu, b'suf aħmar safrani, u b'gilda culur il-laħam, mingħajr tbaija sued jeu coħol. Il ħanżira tibda tgħamel cmieni, xi drabi mas-sena.

### Il Hanzir Abjad Beijeni.

Din ir-razza tixbaħ lil ħanżir abjad cbir, għal dac li hua leun, għal ħeffa li biha tissemmen, u għat tieba tal-laħam. Il ħanżir beijeni hu imnissel bejn il ħanżir abjad cbir u il ħanżir abjad kerkni. Xi drabi iuassal fil pis ftit inkas mil ħanżir abjad cbir, imma icun min 75 ratal sa 100. L'omm hi għamiela uisk u trabbi il friegħ taijeb. Jicber u jissemmen malajr, u bi ftit għalf, u jgħamel grass uisk. Il laħam tigħu taijeb, ghal porcu frisch, u tajeb ucoll għal beicon, imma il perżut tigħu actarx li icun mgħobbi uisk bil grass. Jghodd uisk għalbiex inseuu razez oħra ta ħnieżer, bħal ma ġara fl'inghilterra fejn tista tgħeid il cotra tal ħnieżer, isseuueu m'hux ftit minn mindu bdeu icopru il ħnieżer nisa b'irgiel ta din ir-razza.

Il ħanżir abjad beijeni ghandu icun ta leun abjad mingħajr xagħar isued, u inkas tbaija coħol jeu ticmix u nemex fuk il gilda. Ir ras trid tcun kasira, b'gheddum uisgħa u merfuħ il fuk, bħal ta bull-dog, b'għonk ksaijar, uisgħa u mimli fuk grieżmietu ; b'uidnein imdakksa, uiekfa u musuafa. Is-sider uiesgħa u fond, spallein uigħein u livel uieħed mad-dahar li jibka seijer dritt sa fuk l'ingroppa. Is-sakajn dritti mal ġemb tal gisem. Coxox cbar u mimlijin, u suf abiad u fin.

### Il Hanzir ta Berkshire.

Il ħanżir ta Berkshire hilu mgħaruf fl'Inghilterra, u il-lum forsi fl'America collha ma hemmx razza ta ħnieżer li iħabbtaha fil cotra mal ħnieżer Berkshire. Dan il ħanżir hua micsi b'xagħa tuil ta leun isued, bi tbaija boijod fuk uiċċu u fit-truf ta sakaiħ u ta dembu, b'gilda seudeniha. L'animal hua cbir ġmielu, imma kasir fuk sakajħ, b'għadam actarx irkik, u l'gisem tuil, dritt u uisgħa. Ir-ras hi kasira ; b'gheddum kasir, merfuħ il fuk u uisgħa, b'uidnein cbar u uekfin. Is-sakain huma dritti u ksar. Dan il ħanżir jarmi laħam uisk, u billi it-truf huma ftit, fieħ inkas telf minn razez oħra. Jgħamel grass uisk u jasal malajr għas-suk, għalhech għandu jissemmen u jinkatel malajr, massitta jeu sebgħa xhur, jeu kabel, mita il pis tigħu icun igib mal kantar, għad li jech jibka jicber u jissemmen jista iuassal minn kantar u nofs sa kantarein. Il-laħam taijeb bħala porcu frisch u taijeb għal beicon, għad li forsi xi ftit grass iż-żejjed għal perżut.

(*Jissocta*).

——)«-o-»(——

## IL FIURI.

### Il Fiuri Maktugha.

Chif iz-zommhom frischi.

Illum il giurnata li cullħatt juża il fiuri biex iżejjen bighom id-dar, hu meħtieġ li uieħed icun jaf x'ghandu jghamel biex iżomm il fiuri maktughain frischi. Ma hemmx dubiu li bosta blanzuni jigiu mitlufa ghax uieħed ma iħabbilx rasu biex jiccurahom ftit.

Mita jista icun, il fiuri ghandhom jinkatghou fil ghodu cmieni kabel ma'n-nida jinxef min fukhom. Il fiuri li jinkatghou chif kghed ngheidu izommu frischi uisk iżied mill'oħrajn li jinkatghou uara li icunu hilhom hafna fix-xemx.

Mita uieħed jixtri il fiuri, ghandu jghazel dauc li ma icunux hilhom miftuħa. Hafna fiuri icunu tas-seu milhomx l'inkatghou iżda jidbielu malair "ghax icunu hilhom miftuħa fuk il pianta". B'dakxejn tal prattica ix-xerrej jibda jaraf liema huma il fiuri frischi u dauc li huma kodma.

Ma hemmx bżonn nghaidu li l'ilma ta giol vasetti fejn jigiu imkgheda il fiuri ghandu jitbiddel culjum. Jecc iz-zcuc icunu imħadbin tcun ħagia seuua li titneħħa il kokra ta barra ghal xi ftit pulzieri, biex iz-zocc icun jista jixrob l'ilma aħjar. Iz-zcuc jistghou jiġu maksuma il fuk, b'li stess effett. Il fiuri maktugha ghandhom icunu boghod mit-tuieki mnejn tista tidħol ix-xemx ghal fukhom.

Jecc iżżid biccia soder tal hasil fl'ilma li icun fieħ il fiuri maktugha bi proporzioni ta cucciarina cull nofs ilma, il hajja tal fiuri maktugha titual.

L'effett ta din is-sustanza chimica tghein il poter li ghandhom "ic-celluli" tal pianta jixorbu l'ilma. Soluzioni ħafifa tal gamfra u ilma ghandha li stess effett. Biex iż-żomm l'ilma nadif u ħelu hua usu tajjeb li tghamel f'cull vasett biccia faħma jeu niscata melħ. Min xi dakkiet, uieħed jircievi il fiuri uisk midbiela, dana m'ghandux jarmighom kabel ma jipprova ikajjimhom. Jecc il fiuri icunu dbielu ghax damu barra mill'ilma, hu possibbli li jergiou jigiu fiochom. L'euuelnett ghandu jakta biccia żgheira mit-tarf taz-zcuc, imbghad igib scudella bl'ilma sħun seuua, (m'ħux jghali) u ipoggi ix-zcuc tal fiuri figha, idaħħal li scudella bil fiuri b'collox gio guardarrobba mudlama u jecc jaraghom uara sigha ghandu isib li il fiuri kamu meravigliosament u lesti biex jirrangiahom fil vasetti. Anche jech il fiuri icunu piuttost kodma jistghou jigiu stimulati biż-żieda tal melħ jeu il gamfra fl'ilma sħun.

MALTA PUBLIC LIBRARY

### Ghazla ta Fiuri Sbieħ u Mita Ghandhom Jinzerghou.

*Anthirrinum.* (Papocci.) Pianta Biannuali. Tinzera fil ksari min Auissu sa Settembru, tibża mill'umdità.

*Aquilegia.* Pianta Perenni. Tinżera f'April fi trap ħafif, uara ħmistax-il-giurnata li timbet, tixxettel f'postijet frischi.

*Aster Annuali.* (Margheriti tas-saif.) jinżerghou ghall'aħħar ta Marzu fi trab tajjeb.

*Calceolaria Hybrida.* Tinżera f'Auuissu-Settembru f'posizioni frisca, fi platt taż-żrieraħ fi trab ħafif (*terriccio di castagno,*) dakxejn imrammel, iż-żrie-

raħ jixxerdu f'uiċċ it-trab u jitghatteu bi ħgieġa.

*Cineraria.* Annuali. Tinżera f'Auuissu-Settembru f'caxxi jeu ksari uesghain fil frisc u fi trab ħafif.

*Cosmea.* Annuali. Tinżera f'Marzu fi ksari jeu fil post. Jech tiżraħħa f'Giunju icolloc fiuri fil ħarifa.

*Ciclami.* Pianti Bulbusi. Jinżerghou f'Auuissu-Settembru, fi platti taż-żrieraħ fi trab ħafif dakxejn imrammel.

*Dalia.* Pianta Bulbusa. Tinżergha fi platt taż-żrieraħ jeu fi ħmiemel f'Marzu-April f'post chenni. Tghamel il fiuri mill'euuel sena.

*Dianthus.* (Kronfol.) Jinżergha f'Auissu u f'Marzu.

*Freesia* Pianta Bulbusa, tinàera f'Auuissu f'platt taż-żrieraħ jeu ksari uesghain.

*Gloxinia.* Pianta Bulbusa tas-Serra. Tinżera min Frar sa l'aħħar ta Marzu fis-Serra, fi trab ħafif u imrammel u'l kasrija titghatta bi ħgieġa. Ghanda bżonn umdità continua biex iz-żerrigha timbet; tibda timbet min 16 sa 30 giurnata uara li tiżraħħa.

*Gomphraena.* (Sempreviva.) Annuali. Tinżera f'Marzu-April.

*Helianthus.* (Uard tax-xemx.) Annuali. Jinżergha f'April.

*Hibiscus.* Perenni. Jinżera f'Marzu.

*Iberis.* (Terispin.) Annuali, jinżera f'Settembru.

*Latirus.* (Piżelli tal F.ur, (*sweet peas.*) Annuali. Tinżera f'Settembru Ottobru.

*Memesia.* Annuali, tinżera f'Ottubru.

*Penstemon.* Perenni, Jinżera f'Auissu.

*Petunia.* Perenni, imma fil clima tghana tgheix bħal annuali. Tinżera f'Settembru-Ottubru fil plat taż-żrieraħ fi trab ħafif. It-trab jinżamm umidu u'l kasrija tinżamm mghottija bil ħgieġ sa chemm iż-żrieraħ jimbtu.

*Primula Chinensis.* Tinżera fi trab ħafif imrammel f'Giugnu-Lugliu. Fixxitua tinżamm taħt caxxa tal ħgieġ jeu fis-serra.

*Scabiosa.* (Ambretti.) Annuali. Tinżera f'Settembru.

*Streptocarpus.* Pianta perenni tasserra. Tinżera f'Settembru u fi Frar f'kasrija mghottija bil ħgieġ, fl trab ħafif. Umdità continua u regolata sa chemm iż-żerrigha timbet.

*Tagetes.* (Kronfol tat-tork.) Annuali. Jinżera f'April fi ħmiemel.

*Verbena.* Annuali u Perenni. Tinżera f'Ottubru.

*Viola tricolor.* (Pensieri) Perenni imma fil clima taghna tgheix bħal annuali tinżera f'Auissu-Settembru.

*Zinnia.* (Annuali) tinżera f'Marzu-April.

## SWEET PEAS.

Ingibu haunecc lista ta Sweet Peas li giet ir-riccmandata ghas-sena 1927. min-*National Sweet Pea Society* ta l'Inghilterra.

Bonfire, Angèle, Bluebird, Mermaid, Fortune, Valentine, Elegance, Mascotts Ingman, Lucifer, Peggy, Grenadier, What Joy, Picture, Venus, Magnet, Charity, Skylight, Mrs. H. J. Wright, Ivory Picture, R.F. Felton, Wembley, Powerscourt, Mascotts Helio, Birdbrook, Splendour, Warrior, Chieftain, Tangerine Imp., Wizard, Royal Pink, Mammoth, Jean Ireland, Annie Ireland, Supreme, Purple Perfection, Sunset, Gold Crest, Hawlmark Scarlet, Avalanche, Constance Hinton.

## TEFTIF MEHTIEG.

—

Tbajja fuk il ħgieġ jeu merja li huma difficili ħiex jitneħħeu, tista tneħħihom billi torokhom b'biccia sufra jeu tapp imxarba fil benzina.

—

Borom u aftarijet oħra tal kċina li huma tal Aluminium, meta jinħarku la tobroxhomx, iżda ghalli basla fihom, u l'ichel maħruk jinkala uaħdu u jitla fil uiċċ u iħalli il borma nadifa seŭ.

—

L'ebbanu jista jinżamm b'lostru sabieħ, jecc jitnaddaf b'biccia imxarba biż-żeit taż-żebbugia.

—

Li sponos ghandhom jinħaslu f'ilma li fieħ giet masura lummija.

—

Il patata misiura katt tattigha, ghaliex inchella tixrob il fŭar taħħa stess, u tħassar it-toghoma.

—

Mita tkaxxar il basal, kaxxru gio xi ħagia bl'ilma - b'dan il mod li spirtu tieghu ma jaħraklecx ghajneich.

—

Il *mica* tal kcejjen, fran, ecc., titnaddaf bil ħall.

—

## TRUF TA GHERF

—

Il ħajja hi ħagia sabieħa ħafna, iżda il ħajja tfisser *xoghol*, u xoghol li *naghmluħ aħna* m'hux biss narau lil ħattieħor jghamlu.

—

L'Educazioni ma tixtrijex bil flus bħal ma tixtri xi żiemel jeu borsa gallettini.

Ectar ma'l uirt icun cbir, ectar jimmeritaħ l'attenzioni tieghec biex tibża ghalieħ.

—

Scond risultati li ittieħdu dan l'aħħar min esperimenti, jecc il pis ta uieħed b'saħtu tid-dividieħ b'20, icolloc il pis approssimattiv tad-demm li icollu f'gismu.

—

*F'Belt fl'America, l'ghomja iżommu f'ideihom biccia kasba li fil ponta taħħa fiha imuaħħal bħal disc tond, tal ħgieġ aħmar; mita iridu jaksmu it-triek jeu iridu xi ghajnuna jgholluha. Din sabuha taiba ŭisk, fli stess ħin, carrozzi, carrozzini, ecc. jghokodu attenti.*

—

Il vera economia m'hix filli uieħed igemmgha il flus, iżda filli uieħed jonfokhom bil ghakal.

MALTA PUBLIC LIBRARY

—

## VARIETA'

—

Tabib famus jitħaddet f'uieħed mil giurnali Americani kal li "dauc innisa li kghed jaktau xaharhom meta jicbru fl'età jitfartsu seuua seu bħal l'irgiel." L'irgiel chienu jitfartsu ghaliex billi jaktau xaharhom, fl'aħħar jesaurixxu is-sustanza li icollhom li ittella ix-xahar,

In-nisa fartasa icun fihom x'tara !

Ta min jaħsiba darbtejn (da parti tan-nisa), kabel jirrovinau xaharhom.

—

Dr. Daniel H. Kress, specialista tannervi fil Washington Sanatorium, kal illi ir-razza Inglisa tinsab f'pericolu cbir ghaliex in-nisa kghed ipeipu : "Il

pajjis" kal Dr. Kress, "jinsab uiċċimbuiċċ ma problema seria; mentri li il vizziu tas-sigaretti jaghmel ħsara l'irgiel, jghamel ħsara icbar lin-nisa."

Hua fisser chif jecc dan il vizziu jiccontinua icun hemm degenerazioni *fisica chif ucoll morali.* It-tfal li jituieldu minn ommijet li ipeipu icunu uisk nervusi, u in-numru ta "imgienen" jiżdied bil bosta!

Dr. Kress spiccia biex kal illi dan il vizziu iħassar id-delicatezza ta uiċċ in-nisa, billi jghamlu imchemmex, u *jatihom dehra ta uiċċ xieħ.*

Nisperau li in-nisa taghna jghokodu b'ghaineihom miftuħa ghal dan!

---

## L'AVVISI

Fid-dinja l'ebda ħagia ma tista tbieħ jeu timbieħ *jecc min jixtriha ma icunx jaf biha*—ħagia li in-nies tan-negoziu hemm bzonn iżommu tajjeb f'rashom—u naturalment billi uieħed icollhu diversi affarijet, jecc min jixtri ma icunx jaf bihom beiħ regolari ma jista isir katt! Jenħtieġ ghaldakstant li uieħed jghamel avvisi b'xi mod, u l'isbaħ u l'aħjar avvisi huma dauc li jintghamlu fil giurnali

L'avvisi fil giurnali jitħalsu scond ic-circulazioni tal giurnal, Giurnal li ghandu circulazioni ta 20,000 naturalment jeħu ghola min giurnal li joħroġ 500 copia biss.

Id-*Daily Mail*, (joħroġ culjum) jitħallas ta facciata uaħda *cull darba* li joħroġ, £1,400!

Fin-*News of the World* (li joħroġ darba fil gimgha), avvis ta facciata migiub *darba biss* jisua £2,200! U frattant daun il giurnali icollhom diversi avvisi ta pagina sħieħa.

Jecc uieħed irid in-negoziu jicber; jecc uieħed irid li in-negoziu li ghandu icun mgharuf; jecc uieħed irid icabbar il clientela tiegħu, *jinħtieg jghamel l'avvisi*—avvisi fil giurnali. L'avvisi jghamlu effett mita jingiebu ghal zmien tuil, *u m'hux darba biss!*

❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀

## L'ITTRI TIGHEC.

Jecc inti tmur tghamel visita lil xi ħatt li ma jafecx, naturalment tfittex li tghamel persuntec mill'aħjar bl'aħjar ilbies, ecc. biex dac li icun ma jeħux idea ħażina tighec.

Iżda meta tibghat ittra il cas icun hag'oħra. Min jircievi l'ittra jifforma l'impressioni tal persuna tighec mill'ittra li bghatt, fi ftit cliem, l'ittra hi ir-rappresentant tighec jecc hi pulita u mictuba tajjeb l'impressioni li jghamel tighec tcun taiba, altrimenti ħażina.

L'aħjar ittri illum jinchitbu bit-typewriter, inti tista tixtri uaħa u tħallasa ftit ftit, minn ghand: ALBERT E. MANGION

5, Blanche Street, Sliema,

❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀❀

**X'ghandec taghmel lil uiehed li hassu hażin min Xemxata.**

—

Mita uiehed icun hilu żmien tuil fix-xemx, iħares jeu jaħdem, dana jista iħossu ħazin sforz is-sħana tax-xemx. Hu lil dan 'malair x'imchien ghal frisc, *iżda la iggiorrux fit-tul ghad-dar jeu sptar*; ħollu il ħuejjeġ collha li icollu ma ghonku u ma kaddu. Middu fl'art u kghedlu xi ħagia taħt rasu b'mod li rasu tigi dakxejn merfugha. Kghedlu ċraret imxarba ma rasu, ghamillu mustarda ma kieħ sakaiħ. Tieħ ftit whisky ħafif bl'ilma jecc icun jista jibla. F'li stess ħin gheid lil xi ħatt biex jiġri ghat-tabib. Ma tista tghamel xejn iżjed minghair l'ordni tieghu.

---

**IL HAMES COMPETIZIONI.**

—

CULHATT JISTA JIRBAH!

—

Ghal din competizioni biex culħatt icun jista jiccompeti, l'editur ser jghati sitt premijet, ghal

**"L'Ahjar ittra fuk l'Agricoltura"**

Biex ticcompeti ma tħallas xejn.

**Condizionijet**

1 Hadd ma jista jicteb actar minn ittra uaħda fuk li stess suggett.

2 Hadd ma jeħu actar minn premiu uieħed f'DIN il competizioni.

3 Jista jicteb culħadd, cbar u zghar, nisa u irgiel, bdieua u dilettanti.

4 Ittri taħt isem falz jeu immaginariu ma jigiux imdaħħla ghal premiu.

5 Hadd ma jista fl'ittri tighu imakdar jeu ifaħħar il Gvern jeu jgheid xi ħagia li tista tfixchel xi partit politicu (icun min icun). L'ittri li icun fihom xi ħagia hecc, *jitilfu il premiu*.

6 L'ittri ghandhom jinbghatu lill Editur tal Bidui m'hux actar tard mis-26 ta Mejju 1927.

7 L'ittri li ma icunux originali jistghou jitilfu il premiu.

8 L'Editur ma jghamilx tajjeb ghal dauc l'ittri li ma jaslulux, jeu jintilfu fil posta.

9 L'Editur jirriserva id-dritt li jati il premji li jidirlu hu, scond ma icun jistħokk. Jista jati Ciurchett, Arloġġ jeu ħuejjeġ oħra. Dan ghamilnieħ ghal gid ta min jiccompeti.

10 ID-DECISIONI TA L'EDITUR f'cull ħagia li ghanda x'taksam ma din il competizioni TORBOT, u ħatt ma jista jappella fuka.

FTACAR TAJJEB li tista tibghat mil-lum sas-26 ta Mejju 1927.

*Dauc li jibghatu ittri u ma jeħdux premiu, jitla premiu bix-xorti beiniethom. B'dan il mod ghandu cians jirbaħ cullħadd.*

---

**ID-DUD TAL FUL U'L PIZELLI**

—

Cull uieħed jaf chemm hu icraħ mita jinxtara il ful jeu piselli niexfa u isiba imtakba, bosta drabi b'tokba, tnejn u anchi tlieta. Barra il ħsara li jghamel dan id-dudu tal piselli (Bruchus pisi), u id-dudu tal ful (Bruchus rufimanus), bosta drabi hu il cagiun li il bidui jitkarrak ghaliex jiżra quantità u isib li uisk ftit nibet.

Id-dudu tal piselli (B. pisi) x'min-

dakkiet jghamel ħsara anchi lil pianti zghar billi jecol il uerak, iżda l'icbar ħsara issir l'iż-żerrigha. Dan id-dudu jgheix fiż-żerrigha, u hu cagiun li bosta drabi ma timbitx, jeu jecc timbet, tghamel pianta uisk dlebboli.

Dan id-dudu ibid fuk il mizuet tal piselli mita daun icunu żghar ħafna, malli id-dudu ifakkas ifittex jidħol gioż-żerrigha, fejn isib sustanza biż-żejjed biex jgheix.

Mita id-dudu icun chiber seuua hu jista joħroġ min gio 'ż-żerrigha u jinħeba x'imchien, jeu jibka geuua iż-żerrigha mnejn joħroġ uara li tinżera, u billi f'dan iż-żmien icun sar farfett (is-sitt parti ta pulzier mid-daks), jista itir fuk pianti oħra u hecc icompli jixtered.

Id-dudu tal ful (B. rufimanus) ghandu drauua bħal dic tad-dudu tal piselli, ghaliex jgheix ucoll fil fula.

Dan id-dudu ibid fuk l'iżghar imżieued li isib, u f'cull fula bosta drabi issib tnejn jeu tlieta. Hua jghamel ħsara cbira ucoll, ghaliex iż-żerrigha mimsusa minnhu ma tcunx tisua ghaż-żrieħ.

1) Il piselli mimsusa b'dan id-dudu m'ghandiex tigi miżrugha. X'mindakkiet jiġri li żerrigha tista tidher li m'hix imtakba, iżda icollha id-dudu fiha. Kabel tiżra *kighed* (m'hux tixħeta mil gholi) ftit ftit iż-żerrigha fl'ilma. Dic li hi taiba ghaż-żrieħ tinżel dlonc fil kieħ u l'oħra tibka fil uiċċ. Dic li icollha id-dudu ghadu fiha tibka ftit fil uiċċ u mbghad tinżel ucoll, ghal din ir-raġiuni dic tal uiċċ uarraba malair. L'importanza ta dan hu li inti tgharaf dic iż-żerrigha li ghalchemm m'hix imtakba icollha id-dudu fiha ; din mita tixħeta fl'ilma tibka fil uiċċ. L'imtakba tgharafa u tista tneħħigha.

2) L'aħjar mezz biex uieħed joktol id-dudu fiż-żerrigha tal piselli jeu tal ful hua billi iddaħħan bil bisolfur *(bisulphide of carbon)*. Il metodu hu li tkighed il piselli jeu il ful, jeu it-tnejn f'camra mghaluka seuua fejn ix-xkuk jigiu miżduda biex ma tidħolx aria, imbghad kighed il bisulfur (*bisulphide of carbon*) fi plattini jeu dixxijet ciatti kighed daun *fuk* iż-żerrigha u ħalliħom hemm fil maghluk ghal 48 sigha mill'inkas.

Ratal u quart (bisolfur bisulphide of carbon) hu biż-żejjed ghal camra li icun figha 1000 pied quadru ta aria.

Hinds, Turner u Chittenden jgheidu illi temperatura ta mjn 70 sa 75 grad F. hi meħtieġa biex dan jghamel success. Uieħed ghandu jiftacar illi id-duħħan tal bisolfur (Bisulphide of carbon) hu velenus hafna u ghal din ir-ragiuni ghandec tokghod attent li ma tieħux int ucoll minnhu man-nifs, barra min dan billi hu imfiammabili ħafna la tressakx lejħ la sulfarini u l'ankas ħuejjeġ oħra mixghoula.

3) Jecc uakt li kghed tiżra tinduna bid-dud ħaj fiż-żerrigha tal piselli dan tista toktlu billi iddaħħal iż-żerrigha fl'ilma jghali ghal 5 secondi, imbghad tergia id-daħħala mument fl'ilma chiesaħ u tista tiżraħħa.

4) Jecc piselli u ful mimsusa b'dan id-dudu jitkghedu gio xi ħagia tal ħġieġ, vasett, giarra jeu ħaġ'oħra li tcun *mghaluka* seu, id-dud joħroġ min geuua iż-żerrigha u imut. Hemm bżonn uieħed jiftacar iżda, li żerrigha mimsusa hecc katt ma tati pianti b'saħħithom, u ghal din ir-ragiuni hu uisk aħjar li uieħed ma jiżraħħiex.

Billi id-dudu imiss l'iżied mil klub

tal pianti, isibuha hagia taiba li uieħed jakta daun il klub.

Il ful li cull tant nixtru biex nghalfu il bhejjem icun actarx mimli b'dan id-dud, u b'hecc icompli jimpesta il prodot li icolloc.

F'Malta dan id-dud sar tant comuni li uisk rari tixtri ful jeu piselli li issibhom minghair dud, il bdieua ghal-dakshecc ghandhom jghamlu dac li haun fissirna biex jekerduħ!

---

*Dac li tghamel int uaħded ma iservix; gheid lill'oħrain ighamlu bħalec.*

---

### F'SANT'ANTON.

Dialogu bejn Manuel u Paulu.

*Taħt dan l'isem s'er nibdeu, cultant ingibu Dialogu bħal dac ta Peppi u Toni (Fuk iz-zuntier) iżda dana icun fuk affariet ta gionna u tad-dilettanti. Il Persunaggi taghna tainiħom l'isem immaginariu ta Manuel u Paulu.*

M. Geit niltaka mighec haunecc, billi naf li tħobb il fiuri, is-sopponeit li giurnata bħal-lum tcun haun sgur.

P. Ghara Manuel, poggi fuk da'l banc ħalli nitħadtu dakxejn.

M. Gharani poggeit.

P. Kghed tlesti xi ħagia ghal Mejju Manuel.

M. Iva ghamilt diversi fiuri, izda dac l'imgharrak ta silġ ħarakli il ħmiemel collha, kattali chemm chelli cinerarji, u f'jumejn irrovinali chemm chelli ksari fil ġnien.

P. U int allura x'ghamilt.

M. Id-daħħakni int, x'ridtni nghamel, appena beda ifakka is-silġ l'euuel ma ħsibt ġbart ftit injam, ħriġt niġri fix-xita fil ġnien, ghamiltu uiekaf ma cull naħħa taċ-cinerarji u tal ħmiemel u ippruvajt bli xchejjer u xi ųerak cbar nghamel bħal tinda.

P. Ha ħa ħaj...... mela sirt ghasra.

M. M'hux sirt ghasra cont ghoddni iddubbait ċmaira.

P. Xi Sweet Peas ma żraitx.

M. Ghandi ucoll iżda ghadni ma irbattiex.

P. Hażin tghamel Manuel. L'euuelnett is-Sweet Peas mita tkabbada cmieni tatic risultat aħjar, u it-tieni fil cas li kghed issemmi int, chienet tbati uisk inkas mis-silġ min mita tħalliha ma l'art.

M. Haunecc ghandec ragiun Paul. Nispera ghall'inkas li ma tghamillix bħas-sena l'oħra.

P. Is-sena l'oħra x'ghamlitlec?

M. Mel'int inseit? L'euuelnett intlietli bil misħut *mildew* jeu moffa u...

P. Imma is-sena l'oħra cont ħauuilta ma xulxin uisk u chiecu smait minnhi taita il cubrit mill'euuel ma chienitċ tirrovina ruħħa dakshecc.

M. Hecc hu!... imbghad fl'aħħar mita ghamlet il blanzuni biet tuakkaħħom collha u ghax-*Show* ma laħkitlix.

P. Iva chiecu laħkitlec ma cont tghamel xejn ghax chienet batuta,

imma inħallu dan apparti ; hua biex icolloc Sweet Peas ghax-Show chien hemm bzonn it-tigha dic il quantità ta demel li taita ?

M. X'demel hu ?!

P. Ghara x'demel hu ! Tata Superfosfat, Putassa u Nitrat tas-Soda chemm flaħt ! u collox bla ghakal Manuel! Ghalhecc bdiet tuakkalec il blanzuni.

M. Allura chemm ghandec it-tigha ?

P. Ghandec tghażak fil fond, tghamel flanni uiesgha gnall'inkas żeuġ piedi. Toħroġ il ħamrija collha, tħalli tal uiċċ ghaliha u ta taħt ghaliha ; tixħet fil kieħ chemm ħaxix niexef icolloc, tixħet il ħamrija ta taħt, imbghad tħallat daks 16 il pulzier taħt il uiċċ ftit demel, imbghad tixħet il ħamrija collha u tħallat ma tal uiċċ 2 parti Sulfat tal Putassa u 3 parti Superfosfat, (3 ukijet cull jarda quadru) imbghad tħauuel ma cull naħħa, b'distanza ta pied daks tlieta jeu gherba xtieli, u mita jakbdu seŭ is-sakkihom bi ftit Nitrat tas-soda, ukija f'gherba galluni ilma.

M. Imbghad mat-tihomx iżied demel artificiali ?

P. It-taħuid tal Pianti ghandu isir chif it-temp jippermettilec f'Novembru jeu bidu Dicembru. L'art tista tlestiha kabel ; il pianti jakbdu jicbru seŭ ghal ħabta ta Frar. Imbghad tista tibda ittihom id-demel artificiali mat-tiskija cull ħmistax il giurnata iżda trid tati ftit.

M. Imma ftit chemm ?

P. Tmien parti superfosfat (Superphosphate), Sitt parti Sulfat tal Putassa u parti uaħda Nitrat tas-Soda, ghamel mit-taħlita nofs ukija jeu biex nifthemu aħjar mimli cucciarina tat-tè, f'cull gallun ilma.

M. U dan cull ħmistax il giurnata ?

P. Iva cull ħmistax. Ngheidu aħna tibda tati l'euuel dosa fl'aħħar ta Frar, b'collox tilħak tati min 6 sa 7 darbiet. Il pianti icunu iridu bosta ilma ghal bidu ta April, iżda anchi dan jinħtieġ jintghata bil ghakal.

M. Cull m'ghedtli nghamel Paul.

P. Ipprova.

M. Altru nippruvax, mnejn insib Sulfat tal Putassa u Superfosfat.

P. Dauc ta ħdejn Santu Uistin il belt issibilhom.

M. Gharani ghall'hemm. Saħħa Paul.

P. Saħħa.

---

## CHEJL TA MIN JIFTACRU.

Landa quadra tal pitroliu tesgha 4 gall.

Cucciarina tat-tè imfaura tesgha ma duar nofs-ukija.

Mgharfa tad-deserta imfaura tesgha ma duar ukija.

Mgharfa tal meida (mil cbar) imfaura tesgha ma duar ukitejn.

(Is-sulfat tal Putassa hu dens iżied min-Nitrat tas-Soda u Superfosfat, ghaldakstant mita tchejjel dan timburgiax uisk.)

In-Nitrat tas-soda mghoti lil kamħ jghamel effett doppiu, isaħħaħ u icattar il prodott u fli stess ħin jifga il ħaxix ħażin.

---

## Chif daħlet il patata fl'Europa.

—

Il patata il lum il giurnata hia tant comuni u mgharufa li uieħed mita jakra dan l'articolu jiscanta mita daħlet fl'Europa chemm chienet ħagia difficili ii iggighel in-nies jusaugha ghall'ichel.

Il Patata inħolkot f'Andes (America Meridionali) u ghada tinsab salvaġġia f'Chili.

L'Unur jisħokk lil xi patrijet Spanioli li daħħlugha ghall'euuel darba fl'Europa u m'hux lil Thomas Herriot sieħeb Sir Walter Raleigh. Hua mgharuf li il patata li giebu il patrijet chienet imkassma kabel is-sena 1585, fil uakt li il patata li gieb Herriott, laħket fl'Irlanda fl'1586 jeu fl'1587. Il patata ix-xerdet min Spania ghall'Italia, u min hemmec ghal Mons, (f'Belgium) imbghad ghal Germania u Vienna, izda chienet ghal żmien tuil miżmuma bħala cursità. Fil ħruġ tas-secolu sittax chienet ic-cultivata fit Tuscana bħala ichel ghal majjali, anchi sannofs is-secolu tmintax il Francisi ma ridux jiclu il patata ghax ħasbuha li iggib il ġdiem. Fil Germania il patata chienet biss tittichel mil fkar, u mil prigunieri, ghax chienu jaħsbugha li tghamel il ħsara fis-saħħa.

Il patata giet mgharufa fi Franza imfħabba li ceitu Parmentier chien meħud prigiunier fl'1760, u chellu jgheix billi jecol patata biss.

Parmentier sab li il patata tati tant sustanza li malli gie liberat, ghamel f'rasu li jghamila chemm jista icun mgharufa f'pajjisu.

Certu La Rousse jati descrizioni tuila tal mezzi li ħà biex jghain lil Parmantier. Beda biex ippubblica x'sustanzi fiha il patata u fisser li ebda sustanza minnhom ma tghamel id-deni, u billi chien jaf chemm hu difficili li idaħħal dana f'moħħ in-nies resak kuddiem ir-Re Luigi XVI biex jitlob l'ghajnuna tieghu.

Parmentier beda hu stess jipprova jiccultiva il patata f'mott raba. Mita il Patata ghamlet il fiuri, giabar bucchett u ħadu lir-Re f'Versailles, Ghalchemm in-nies ta ma duaru ħadugha b'ċaita, ir-Re ħa fiur u libsu fl'accetta. Malair il fiur ħareġ moda, u l'impiegati collha tal palazz ghamlu bħar-Re.

L'Ghases li ghamel Parmentier fl'ghelieki ghal patata, kanklu il cursità tal pubblicu. Daun l'ghases chienu jigiu imneħħija ma nżul ix-xemx u Parmentier chien jeħu gost li il patata chienet tinserak bil-lejl. Hua kal, "la darba jisirku il patata, jigifieri li m'ghadhomx jaħsbu ħażin fuka".

Inquantu ghall'Inghilterra u l'Irlanda, l'użu tal patata gie il kuddiem bil mod, ghalchemm ir-Royal Society ghamlet li setghet biex iggib il kuddiem il cultivazioni taħħa biex tnakkas l'aks. Milli jidher iżied imfħabba il bżonn milli imfħabba ir-raccommandazioni li ghamlu l'Ghorrief, giaghlet il fkar ta l'Irlanda li jużau il patata ghall'ichel.

Ghal ħabta ta nofs is seclu tmintax ghaks u giuh giaghlu li Scoccisi li jiccultivau il patata ghal ghaixien taħħom, Dina chienet occasioni taiba biex il Bdieua fehemu chemm tisua. Min dac iż-żmien, qualitaljet giodda bdeu jidru, u li Scoccisi bakghou sallum imsemmija ghal cultivazioni tal patata.

F'Malta il patata dehret l'euuel darba fl'1808, u'l-lum hia t'akua fost l'industrii tal pajis.

---

Uakt li kghed jistampa ruħu dan il periodicu il Cumitat b'dispiacir cbir iħabbar il meut tas-sur

### GIUSEPPE ZAMMIT-MARMARA'

*Missier l'Editur tal "IL BIDUI"*

li ġrat uara marda ta l'icbar tbatija il jum 7 ta Marzu fis-sitta niekes-quart ta fil ghodu. *Noffru Sabar lil familia tieghu*

Il karrejja taghna jinsabu mitluba jitolbu ghar-ruħu.

# CUN BIDUI GHAKLI.

La thallix li jippersuaduc biex ituc xi ħagia u jgheidulec li hì taiba daks in-Nitrat. La tuzax ħaġ'ɔhra izda itlob dejjem u *cun zgur* li ituc

## Il Famus Demel Artificiali

# Nitrat tas-Soda

---

Jinxtara min ghand:

| | |
|---|---|
| G. M. BUGEJA & Co. | 25, Sda. Forni, IL BELT (Hdejn il Chnisia ta Santu Uistin) |
| CARMELO VELLA | Vicolo Fauuara, SLIEMA |
| MICHELE MIFSUD | 62, Sda. Vincenzo, SLIEMA |
| A. BEZZINA | 18, Sda. Ferdinando, GARGUR |
| THE GENERAL BAZAAR | 17, Piazza Paula, CASAL PAOLA |
| P. MIZZI (AGIUS) & SON | 13, Sda. Margherita, BORMLA |
| FEDELE SPITERI | 23, Sda. Reale, GUDIA |
| A. ABELA | 7, Sda. Reale, C. DINGLI |
| S. MIFSUD | 134, Via Congr. Eucaristico, MUSTA |
| GIUSEPPE MUSCAT | 378, Sda. Reale, C. CURMI |
| GIO. BATTA SAMMUT | 115, Vallone, BIRCHIRCARA |
| ANTONIO FARRUGIA | 56, Sda. S. Angelo, ZEITUN |
| ALF. G. CAUCHI | "Farm Irdum" STA. VENNERA |

GHAUDEX, min ghand il CUMITAT TAL GVERN, Segretariu is-Sur GIUS. AZZOPARDI Corso Fortunato Mizzi, ir-Rabat.

*N.B. Id-Ditta G.M. Bugeja & Co. tixtiek tghamel Agenti taiba f'dauc l'irħula ta Malta fein ghad m'ghandiex.*

*Ghal informazioni ɔhra mur 25, Sda. Forni, il Belt. Miftuħ dejjem u nhar ta Hadd sa nofs-in-nhar.*